PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0080/2014**

31.1.2014

# ***I
# RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013
(COM(2013)0480 – C7-0201/2013 – 2013/0224(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Theodoros Skylakakis



Magħquda fid-diversità

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .......... 5

NOTA SPJEGATTIVA ........................................................................................................ 46

OPINJONITAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA......... 49

OPINJONITAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU........................................ 69

PROĊEDURA........................................................................................................................ 98

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013**
**(COM(2013)0480 – C7-0201/2013 – 2013/0224(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2013)0480),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0201/2013),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-16 ta' Ottubru 2013[1],

– wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni ,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0080/2014),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

[1] Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Taqsima**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-emissjonijiet ***tad-diossidu tal-karbonju*** mit-trasport marittimu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-emissjonijiet ***tal-gassijiet serra*** mit-trasport marittimu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) It-trasport marittimu għandu impatt fuq il-klima globali u fuq il-kwalità tal-arja, bħala riżultat tal-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju ($CO_2$) u ta' emissjonijiet oħrajn, inklużi l-ossidi tan-nitroġenu ($NO_x$), l-ossidi tal-kubrit ($SO_x$), il-metan ($CH_4$), il-materja partikulata (PM) u l-karbonju iswed (BC).*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1b) It-trasport marittimu internazzjonali għadu l-uniku mezz ta' trasport li mhuwiex inkluż fl-impenn tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Skont il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta għal dan ir-*** |

***Regolament, l-emissjonijiet ta'$CO_2$ mit-trasport marittimu internazzjonali żdiedu b'48 % bejn l-1990 u l-2007.***

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1c) Fid-dawl tal-għarfien xjentifiku li qiegħed jiżviluppa b'mod rapidu għandha ssir valutazzjoni aġġornata regolari fil-kuntest ta' dan ir-Regolament, fir-rigward tal-impatt mhux tas-$CO_2$ tat-trasport marittimu fuq il-klima globali. Abbażi tal-valutazzjonijiet tagħha, u meta tikkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Settembru 2011 dwar approċċ komprensiv għall-emissjonijiet antropoġeniċi mhux tas-$CO_2$ rilevanti għall-klima, il-Kummissjoni għandha tanalizza l-implikazzjonijiet għall-politiki u l-miżuri sabiex jitnaqqsu dawk l-emissjonijiet.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1d) Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tieħu azzjoni biex tindirizza attivitajiet oħra li jwasslu għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra u sustanzi li jniġġsu l-arja li mhumiex koperti b'dan ir-Regolament, jiġifieri l-użu ta' refriġeranti minn dgħajjes tas-sajd, u l-emissjonijiet evaporattivi mit-tagħbija u l-ħatt tal-fjuwil u ta' merkanzija bl-ingrossa (eż. VOCs, PM).*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1e (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1e) Il-White Paper tal-Kummissjoni "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport" tal-2011 titlob li sal-2050, l-emissjonijiet mit-trasport marittimu jonqsu b'40 % (50 % jekk possibbli) meta mqabbla mal-livelli fl-2005, speċifikament permezz tal-applikazzjoni tal-prinċipji "l-utent iħallas" u "min iniġġes iħallas".*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1f (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1f) Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-"Pjan Direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport - Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti" (2011/2096(INI)) titlob għal tnaqqis uniformi ta' 30 % fl-Unjoni fir-rigward tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ u sustanzi li jniġġsu fit-trasport marittimu, li għalihom għandha ssir kontribuzzjoni mill-ftehimiet tal-OMI dwar l-Indiċi tal-Effiċjenza tal-Enerġija u l-Pjan dwar il-Ġestjoni tal-Effiċjenza Enerġetika tal-Bastimenti.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Skont id-dejta pprovduta mill-OMI, il-konsum speċifiku ta' enerġija u l-emissjonijiet ta' $CO_2$ ta' bastimenti li jistgħu jitnaqqsu ***b'sa 75 %*** billi jiġu applikati miżuri operazzjonali u bl-implimentazzjoni ta' teknoloġiji eżistenti; parti sinifikanti minn dawn il-miżuri tista' titqies bħala kostefiċjenti minħabba li l-ispejjeż mnaqqsa tal-fjuwil jiżguraw ħlas lura ta' kwalunkwe spiża operattiva jew tal-investiment. | (3) Skont id-dejta pprovduta mill-OMI, il-konsum speċifiku ta' enerġija u l-emissjonijiet ta' $CO_2$ ta' bastimenti li jistgħu jitnaqqsu ***b'25-75 %*** billi jiġu applikati miżuri operazzjonali u bl-implimentazzjoni ta' teknoloġiji eżistenti; parti sinifikanti minn dawn il-miżuri tista' titqies bħala kostefiċjenti ***u li tkun tali li tista' toffri benefiċċji netti għas-settur,*** minħabba li l-ispejjeż mnaqqsa tal-fjuwil jiżguraw ħlas lura ta' kwalunkwe spiża operattiva jew tal-investiment. |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu fil-livell tal-Unjoni, l-aqwa alternattiva possibbli tibqa' ***t-twaqqif*** ta' sistema għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika (MRV) tal-emissjonijiet ***ta' $CO_2$*** ibbażati fuq il-konsum tal-fjuwil tal-bastimenti ***bħala*** l-ewwel pass ta' approċċ fi stadji għall-inklużjoni tal-emissjonijiet tat-trasport marittimu fl-impenn tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-gassijiet serra. | (4) Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu fil-livell tal-Unjoni, l-aqwa alternattiva possibbli tibqa' ***l-implimentazzjoni ta' miżura abbażi tas-suq, fosthom, ipprezzar tal-emissjonijiet jew imposta, li titlob it-twaqqif*** ta' sistema għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika (MRV) tal-emissjonijiet ***tal-gassijiet serra*** ibbażati fuq il-konsum tal-fjuwil tal-bastimenti***. Il-ġbir tad-dejta dwar tali emissjonijiet huwa*** l-ewwel pass ta' approċċ fi stadji***, ġustifikat mill-ħtieġa ta' tnaqqis ta' tali emissjonijiet,*** għall-inklużjoni tal-emissjonijiet tat-trasport marittimu fl-impenn tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-gassijiet serra. ***L-aċċess pubbliku għad-dejta tal-emissjonijiet se jikkontribwixxi biex jitneħħew l-ostakli*** |

| | |
|---|---|
| | ***tas-suq li jżommu milli jittieħdu għadd ta' miżuri li ma jiswewx flus u li jistgħu jnaqqsu l-emissjonijiet mis-settur.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Ir-riżultati tal-konsultazzjoni tal-partijiet interessati u tad-diskussjonijiet ma' sħab internazzjonali jindikaw li approċċ fi stadji għall-inklużjoni tal-emissjonijiet tat-trasport marittimu fl-impenn tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-gassijiet serra għandu jiġi applikat fl-implimentazzjoni ta' sistema MRV robusta għall-emissjonijiet ***ta' $CO_2$*** mit-trasport marittimu bħala l-ewwel pass u ***l-ipprezzar ta' dawn l-emissjonijiet*** fi stadju aktar tard. Dan l-approċċ jiffaċilita li jsir progress sinifikanti fil-livell internazzjonali fir-rigward tal-ftehim dwar miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijietijiet serra u dwar miżuri oħrajn sabiex dan it-tnaqqis jinkiseb bi spejjeż minimi. | (6) Ir-riżultati tal-konsultazzjoni tal-partijiet interessati u tad-diskussjonijiet ma' sħab internazzjonali jindikaw li approċċ fi stadji għall-inklużjoni tal-emissjonijiet tat-trasport marittimu fl-impenn tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-gassijiet serra għandu jiġi applikat fl-implimentazzjoni ta' sistema MRV robusta għall-emissjonijiet ***tal-gassijiet serra*** mit-trasport marittimu bħala l-ewwel pass u ***l-introduzzjoni ta' strumenti ta' politika ġodda, jiġifieri, ipprezzar tal-emissjonijiet jew imposta,*** fi stadju aktar tard. Dan l-approċċ jiffaċilita li jsir progress sinifikanti fil-livell internazzjonali fir-rigward tal-ftehim dwar miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijietijiet serra u dwar miżuri oħrajn sabiex dan it-tnaqqis jinkiseb bi spejjeż minimi. |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) L-introduzzjoni ta' sistema MRV tal-Unjoni mistennija li twassal għal tnaqqis tal-emissjonijiet li jammontaw ***għal sa 2 % meta mqabbla ma' xenarju ta' żamma tal-istatus quo u tnaqqis fl-ispejjeż netti aggregati sa EUR 1,2 biljun sal-2030*** billi tista' tikkontribwixxi għat-tneħħija ta' ostakli tas-suq***, b'mod partikolari dawk*** | (7) L-introduzzjoni ta' sistema MRV tal-Unjoni mistennija li twassal għal tnaqqis tal-emissjonijiet billi tista' tikkontribwixxi għat-tneħħija ta' ostakli tas-suq. Dan it-tnaqqis ta' spejjeż tat-trasport għandu jiffaċilita l-kummerċ internazzjonali. Barra minn hekk, sistema MRV robusta hija prerekwiżit għal kwalunkwe kejl ***ibbażat*** |

| | |
|---|---|
| ***relatati man-nuqqas ta' informazzjoni dwar l-effiċjenza tal-bastimenti***. Dan it-tnaqqis ta' spejjeż tat-trasport għandu jiffaċilita l-kummerċ internazzjonali. Barra minn hekk, sistema MRV robusta hija prerekwiżit għal kwalunkwe kejl ***jew standard ta' effiċjenza*** bbażat fuq is-suq, jekk tiġi applikata fil-livell tal-Unjoni jew globalment. Hija tipprovdi wkoll dejta affidabbli biex jiġu stabbiliti miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet preċiżi u għall-evalwazzjoni tal-progress fil-kontribut tat-trasport marittimu lejn il-kisba ta' ekonomija b'livell baxx ta' karbonju. | ***fuq is-suq jew miżuri oħra mmirati biex jipprovdu bażi aħjar għall-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas",*** jekk tiġi applikata fil-livell tal-Unjoni jew globalment. ***Minħabba n-natura internazzjonali tat-tbaħħir, approċċ globali koordinat huwa l-metodu preferut u l-aktar effettiv sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet fit-trasport marittimu internazzjonali.*** Hija tipprovdi wkoll dejta affidabbli biex jiġu stabbiliti miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet preċiżi u għall-evalwazzjoni tal-progress fil-kontribut tat-trasport marittimu lejn il-kisba ta' ekonomija b'livell baxx ta' karbonju. |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Il-vjaġġi fi ħdan l-Unjoni kollha, il-vjaġġi kollha li jaslu mill-aħħar port mhux tal-Unjoni lejn l-ewwel port ta' waqfa tal-Unjoni u l-vjaġġi kollha ħerġin minn port tal-Unjoni lejn il-port ta' waqfa li jmiss mhux tal-Unjoni għandhom jiġu kkunsidrati rilevanti għal finijiet ta' monitoraġġ. L-emissjonijiet ***ta' $CO_2$*** fil-portijiet tal-Unjoni inkluż meta l-bastimenti jkunu fl-irmiġġ jew jiċċaqalqu ġewwa port, għandhom ikunu koperti wkoll, b'mod partikolari minħabba li miżuri speċifiċi għat-tnaqqis jew l-evitar ta' dawn jeżistu. Dawn ir-regoli għandhom jiġu applikati b'mod mhux diskriminatorju għall-bastimenti kollha irrispettivament mill-bandiera li jtajru. | (8) Il-vjaġġi fi ħdan l-Unjoni kollha, il-vjaġġi kollha li jaslu mill-aħħar port mhux tal-Unjoni lejn l-ewwel port ta' waqfa tal-Unjoni u l-vjaġġi kollha ħerġin minn port tal-Unjoni lejn il-port ta' waqfa li jmiss mhux tal-Unjoni għandhom jiġu kkunsidrati rilevanti għal finijiet ta' monitoraġġ. L-emissjonijiet ***tal-gassijiet serra*** fil-portijiet tal-Unjoni inkluż meta l-bastimenti jkunu fl-irmiġġ jew jiċċaqalqu ġewwa port, għandhom ikunu koperti wkoll, b'mod partikolari minħabba li miżuri speċifiċi u teknoloġiji alternattivi, bħal infrastrutturi ta' konnessjoni elettrika tal-bastimenti fl-irmiġġ, għat-tnaqqis jew l-evitar ta' dawn jeżistu. Dawn ir-regoli għandhom jiġu applikati b'mod mhux diskriminatorju għall-bastimenti kollha irrispettivament mill-bandiera li jtajru. |

*Ġustifikazzjoni*

*Fil-bliet portwali, l-emissjonijiet tal-bastimenti huma sors ewlieni tat-tniġġis urban. Il-*

*konnessjoni tal-bastimenti fl-irmiġġ mas-sistema elettrika tippermetti lil dawn tal-aħħar jitfu l-muturi tagħhom u b'hekk jeliminaw parti mit-tniġġis. Din it-teknoloġija tintuża diġà u tagħti numru ta' vantaġġi ambjentali, minbarra l-potenzjal industrijali li tista' tirrappreżenta.*

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) Minħabba l-ambitu ġeografiku u l-ħtieġa konkomitanti ta' monitoraġġ tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra lil hinn mit-territorju tal-Istati Membri, u minħabba l-inklużjoni ta' intrapriżi marittimi rreġistrati mad-dinja kollha, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-pajjiżi terzi fi stadju bikri u b'mod xieraq bil-ħsieb li tikseb l-akbar aċċettazzjoni internazzjonali possibbli.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Sistema MRV tal-Unjoni speċifika għall-bastimenti għandha tkun ibbażata fuq il-kalkolu ta' emissjonijiet mill-fjuwil ikkunsmat fuq vjaġġi minn portijiet tal-Unjoni u lejhom għaliex id-dejta dwar il-bejgħ tal-fjuwil ma tistax tipprovdi stimi preċiżi b'mod xieraq dwar il-konsum tal-fjuwil f'dan il-kamp ta' applikazzjoni speċifiku minħabba l-kapaċitajiet kbar tat-tankijiet tal-bastimenti. | (10) Sistema MRV tal-Unjoni speċifika għall-bastimenti għandha tkun ibbażata fuq il-kalkolu ta' emissjonijiet mill-fjuwil ikkunsmat ***jew fuq ir-rappurtar preċiż tal-emissjonijiet reali*** fuq vjaġġi minn portijiet tal-Unjoni u lejhom għaliex id-dejta dwar il-bejgħ tal-fjuwil ma tistax tipprovdi stimi preċiżi b'mod xieraq dwar il-konsum tal-fjuwil f'dan il-kamp ta' applikazzjoni speċifiku minħabba l-kapaċitajiet kbar tat-tankijiet tal-bastimenti. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-bastimenti li jużaw monitoraġġ kontinwu jirċievu informazzjoni preċiża dwar l-*

*emissjonijiet tagħhom u m'għandhomx għalfejn jikkonvertu din l-informazzjoni lura f'termini ta' użu ta' fjuwil.*

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Is-sistema MRV tal-Unjoni għandha tkopri wkoll informazzjoni oħra rilevanti ***għall-klima li tippermetti d-determinazzjoni tal-effiċjenza tal-bastimenti jew l-analiżi ulterjuri tal-kawżi*** tal-iżvilupp tal-emissjonijiet***. Dan il-kamp ta' applikazzjoni jallinja wkoll is-sistema*** MRV tal-Unjoni mal-inizjattivi internazzjonali għall-introduzzjoni ta' sistema ta' standards ta' effiċjenza għal bastimenti eżistenti, li jkopru wkoll miżuri operazzjonali, u ***jikkontribwixxi*** għat-tneħħija tal-ostakli tas-suq relatati man-nuqqas ta' informazzjoni. | (11) Is-sistema MRV tal-Unjoni għandha tkopri wkoll informazzjoni oħra rilevanti ***sabiex tanalizza ulterjorment il-kawżi*** tal-iżvilupp tal-emissjonijiet***, tallinja*** s-***sistema*** MRV tal-Unjoni mal-inizjattivi internazzjonali għall-introduzzjoni ta' sistema ta' standards ta' effiċjenza għal bastimenti eżistenti, li jkopru wkoll miżuri operazzjonali, u ***tikkontribwixxi*** għat-tneħħija tal-ostakli tas-suq relatati man-nuqqas ta' informazzjoni. |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Sabiex ***jitnaqqas il-piż amministrattiv għas-sidien tal-bastimenti u għall-operaturi, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u biex isir l-aħjar użu mill-proporzjon kostijiet-benefiċċji*** tas-sistema MRV ***mingħajr ma jiġi mhedded l-għan li jkun kopert sehem predominanti ħafna tal-emissjonijiet tal-gassijietijiet serra mit-trasport marittimu,*** ir-regoli għall-MRV għandhom japplikaw ***biss għal produtturi kbar***. ***Intagħżel limitu ta' 5000 tunnellaġġ gross (TG) wara*** | (12) Sabiex ***tiġi żgurata koerenza*** tas-sistema MRV ***mad-dritt internazzjonali eżistenti, b'mod partikolari, mal-Anness VI tal-MARPOL,*** ir-regoli għall-MRV għandhom japplikaw ***għal bastimenti ta' 400 TG u aktar***. Dan il-limitu mhux diskriminatorju***, li għandu jkun applikat b'piż*** amministrattiv ***minimu għas-sidien u l-operaturi tal-bastimenti, għandu jiżgura li l-emittenti relevanti kollha jkunu koperti, għandu joħloq kundizzjonijiet ugwali, u għandu*** |

| | |
|---|---|
| ***analiżi dettaljata oġġettiva tal-qisien u l-emissjonijiet tal-bastimenti li jmorru lejn portijiet tal-Unjoni u dawk li jiġu minnhom. Il-bastimenti b'aktar minn 5000 TG jammontaw għal madwar 55 % tal-għadd tal-bastimenti li jidħlu f'portijiet tal-Unjoni u jirrappreżentaw madwar 90 % tal-emissjonijiet relatati.*** Dan il-limitu mhux diskriminatorju ***għandu jiżgura li l-biċċa l-kbira tal-emittenti rilevanti jiġu koperti. Limitu aktar baxx għandu jirriżulta f'iktar piż*** amministrattiv ***filwaqt li limitu ogħla jillimita l-kopertura tal-emissjonijiet u għalhekk l-effettività ambjentali tas-sistema***. | ***jikkontribwixxi biex jintlaħaq ftehim internazzjonali dwar l-MRV***. |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(13) Biex ikompli jitnaqqas il-piż amministrattiv għas-sidien tal-bastimenti u l-operaturi, ir-regoli tal-monitoraġġ għandhom jiffukaw fuq is-CO2 bħala l-aktar gass serra rilevanti li joħroġ mit-trasport marittimu u li jikkontribwixxi sa 98 % tat-total tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' dan is-settur.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) ***Gassijiet serra oħra, aġenti b'impatti klimatiċi (climate forcers) jew sustanzi li jniġġsu l-arja ma għandhomx ikunu koperti mis-sistema MRV tal-Unjoni f'dan*** | (16) ***Is-sistema tal-MRV tal-Unjoni hija opportunità li tiżgura r-regolamentazzjoni koerenti tas-settur tat-trasport marittimu fir-rigward ta' setturi oħra, għaldaqstant,*** |

| | |
|---|---|
| ***l-istadju sabiex jiġu evitati r-rekwiżiti għall-installazzjoni ta' tagħmir tal-kejl li mhuwiex affidabbli biżżejjed u kummerċjalment disponibbli, ħaġa li tista' xxekkel l-implimentazzjoni tas-sistema MRV tal-Unjoni*.** | ***huwa meħtieġ li l-monitoraġġ ta' $NO_x$ li jinsab ukoll fl-Anness VI tal-MARPOL jiġi inkluż fis-sistema tal-MRV tal-Unjoni*.** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16a) Il-Konvenzjoni tal-MARPOL tinkludi l-applikazzjoni obbligatorja tal-Indiċi tal-Effiċjenza tal-Enerġija (EEDI) għall-bastimenti ġodda u l-użu tal-Pjanijiet dwar il-Ġestjoni tal-Effiċjenza Enerġetika tal-Bastimenti (SEEMP) għall-flotta kollha dinjija.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Verifiki minn verifikaturi akkreditati għandhom jiżguraw li l-pjanijiet ta' monitoraġġ u r-rapporti tal-emissjonijiet huma korretti u konformi mar-rekwiżiti definiti b'dan ir-Regolament. Bħala element importanti għas-simplifikar tal-verifiki, il-verifikaturi għandhom jiċċekkjaw il-kredibbiltà tad-dejta billi jqabblu d-dejta rrappurtata stmata bid-dejta bbażata fuq id-dejta u l-karatteristiċi tat-traċċar tal-bastiment. Inizjattivi bħal dawn jistgħu jiġu kkoordinati mill-Kummissjoni. Il-verifikaturi għandhom ikunu indipendenti u kompetenti u persuni jew entitajiet legali għandhom jiġu akkreditati minn korpi nazzjonali tal-akkreditazzjoni | (18) Verifiki minn verifikaturi akkreditati għandhom jiżguraw li l-pjanijiet ta' monitoraġġ u r-rapporti tal-emissjonijiet huma korretti u konformi mar-rekwiżiti definiti b'dan ir-Regolament. ***Għalhekk, ir-rekwiżiti ta' kompetenza huma essenzjali għall-verifikatur biex ikun jista' jwettaq l-attivitajiet ta' verifika skont dan ir-Regolament.*** Bħala element importanti għas-simplifikar tal-verifiki, il-verifikaturi għandhom jiċċekkjaw il-kredibbiltà tad-dejta billi jqabblu d-dejta rrappurtata stmata bid-dejta bbażata fuq id-dejta u l-karatteristiċi tat-traċċar tal-bastiment. Inizjattivi bħal dawn jistgħu jiġu kkoordinati mill-Kummissjoni. Il- |

stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93[19].

verifikaturi għandhom ikunu indipendenti u kompetenti u persuni jew entitajiet legali għandhom jiġu akkreditati minn korpi nazzjonali tal-akkreditazzjoni stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93[19].

[19] ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30.

[19] ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30.

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) Sabiex isir użu tal-aħjar prattiki disponibbli u tal-evidenza xjentifika, għandha tiġi iddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat fir-rigward tal-eżami ta' ċerti aspetti tekniċi tal-monitoraġġ u tar-rapportar tal-emissjonijiet ***ta’ $CO_2$*** minn bastimenti u li jiġu speċifikati aktar ir-regoli għall-verifika tar-rapporti tal-emissjonijiet u l-akkreditazzjoni ta’ verifikaturi. Huwa ferm importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adegwati waqt il-ħidma preparatorja, inkluż fil-livell tal-esperti. Meta tħejji u tfassal atti ta' delega, il-Kummissjoni għandha tara li ssir trażmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill. | (25) Sabiex isir użu tal-aħjar prattiki disponibbli u tal-evidenza xjentifika, għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat fir-rigward tal-eżami ta’ ċerti aspetti tekniċi tal-monitoraġġ u tar-rapportar tal-emissjonijiet ***tal-gassijiet serra*** minn bastimenti u li jiġu speċifikati aktar ir-regoli għall-verifika tar-rapporti tal-emissjonijiet u l-akkreditazzjoni ta’ verifikaturi. Huwa ferm importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adegwati waqt il-ħidma preparatorja, inkluż fil-livell tal-esperti. Meta tħejji u tfassal atti ta' delega, il-Kummissjoni għandha tara li ssir trażmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill. |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Sabiex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-użu ta' sistemi awtomatizzati u ta' mudelli elettroniċi standard għar-rappurtar koerenti tal-emissjonijiet u ta' informazzjoni oħra rilevanti ***għall-klima*** lill-Kummissjoni u Stati involuti, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni fuq il-Kummissjoni. Dawk is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.[23] | (26) Sabiex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-użu ta' sistemi awtomatizzati u ta' mudelli elettroniċi standard għar-rappurtar koerenti tal-emissjonijiet u ta' informazzjoni oħra rilevanti lill-Kummissjoni u Stati involuti, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni fuq il-Kummissjoni. Dawk is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.[23] |
| [23] ĠU L 251, 18.9.2012, p. 49 | [23] ĠU L 251, 18.9.2012, p. 49 |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) L-għan tal-azzjoni proposta, jiġifieri l-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-emissjonijiet ***ta' $CO_2$*** mill-bastimenti bħala l-ewwel pass ta' approċċ fi stadji sabiex jitnaqqsu dawn l-emissjonijiet ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri li jaġixxu individwalment, minħabba n-natura internazzjonali tat-trasport marittimu u għalhekk jista', minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni. L- | (27) L-għan tal-azzjoni proposta, jiġifieri l-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-emissjonijiet ***tal-gassijiet serra*** mill-bastimenti bħala l-ewwel pass ta' approċċ fi stadji sabiex jitnaqqsu dawn l-emissjonijiet ***u jinkisbu l-miri stabbiliti fil-White Paper tal-Kummissjoni "Pjan Direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport",*** ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri li jaġixxu individwalment, minħabba n-natura |

| | |
|---|---|
| Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet. | internazzjonali tat-trasport marittimu u għalhekk jista', minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni. L-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet. |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika preċiżi tal-emissjonijiet ***tad-diossidu tal-karbonju ($CO_2$)*** u ta' informazzjoni oħra rilevanti għall-klima minn bastimenti li jaslu, jidħu jew joħorġu mill-portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru sabiex jippromwovi t-tnaqqis tal-emissjonijiet ***ta' $CO_2$*** mit-trasport marittimu b'mod kosteffiċjenti. | Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika preċiżi tal-emissjonijiet ***tal-gassijiet serra*** u ta' informazzjoni oħra rilevanti għall-klima minn bastimenti li jaslu, jidħu jew joħorġu mill-portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru sabiex jippromwovi t-tnaqqis tal-emissjonijiet ***tal-gassijiet serra*** mit-trasport marittimu b'mod kosteffiċjenti. |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Dan ir-Regolament japplika għall-bastimenti b'aktar minn ***5000 tunnellata*** gross f'dak li għandu x'jaqsam ma' emissjonijiet rilaxxati matul il-vjaġġi tagħhom minn l-aħħar port ta' waqfa lejn port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u minn port li jkun taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru għal port ta' waqfa li jmiss | 1. Dan ir-Regolament japplika għall-bastimenti b'aktar minn ***400 tunnellata*** gross f'dak li għandu x'jaqsam ma' emissjonijiet rilaxxati matul il-vjaġġi tagħhom minn l-aħħar port ta' waqfa lejn port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u minn port li jkun taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru għal port ta' waqfa li jmiss |

| | |
|---|---|
| tagħhom, kif ukoll fi ħdan il-portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru. | tagħhom, kif ukoll fi ħdan il-portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru. |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Dan ir-Regolament ma japplikax għal bastimenti tal-gwerra, awżiljarji navali, ***bastimenti tal-qbid jew tal-ipproċessar tal-ħut,*** vapuri b'binja primittiva, vapuri li ma jitħaddmux b'mezzi mekkaniċi u użati għal skopijiet mhux kummerċjali. | 2. Dan ir-Regolament ma japplikax għal bastimenti tal-gwerra, awżiljarji navali, vapuri b'binja primittiva, vapuri li ma jitħaddmux b'mezzi mekkaniċi u użati għal skopijiet mhux kummerċjali. |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) "emissjonijiet" tfisser ir-rilaxx tas-$CO_2$ fl-atmosfera minn bastimenti kif previst fl-Artikolu 2; | (a) "emissjonijiet" tfisser ir-rilaxx tas-$CO_2$ ***u l-$NO_x$*** fl-atmosfera minn bastimenti kif previst fl-Artikolu 2; |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) "verifikatur" tfisser entità ġuridika li twettaq attivitajiet ta' verifika li hija akkreditata minn korp ta' akkreditazzjoni nazzjonali skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26] u dan ir-Regolament; | (e) "verifikatur" tfisser entità ġuridika li twettaq attivitajiet ta' verifika li hija akkreditata minn korp ta' akkreditazzjoni nazzjonali skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26] u dan ir-Regolament ***jew aġenzija inkarigata mis-sistema tal-immudellar għall-monitoraġġ tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***emissjonijiet minn bastimenti***; |
| [26] ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30. | [26] ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30. |

*Ġustifikazzjoni*

*Bl-inklużjoni tal-aġenzija bħala verifikatur, ir-Regolament jippermetti lis-sidien tal-bastimenti jużaw l-immudellar bħala mezz ta' monitoraġġ tal-emissjonijiet.*

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) "informazzjoni oħra rilevanti ***għall-klima***" tfisser informazzjoni relatata mal-konsum tal-fjuwil, ***xogħol tat-trasport*** u l-effiċjenza enerġetika ta' bastimenti li jippermettu l-analiżi tax-xejriet fl-emissjonijiet u ***l-valutazzjoni tal-prestazzjonijiet tal-bastimenti***; | (g) "informazzjoni oħra rilevanti": tfisser informazzjoni relatata ***għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra*** mal-konsum tal-fjuwil, ***id-distanza tat-tbaħħir, possibbiltajiet ta' konnessjoni elettrika fl-irmiġġ*** u l-effiċjenza enerġetika ta' bastimenti li jippermettu l-analiżi tax-xejriet fl-emissjonijiet u ***li jindikaw il-prestazzjonijiet tat-tbaħħir***; |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – punt j**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (j) "konservattiv" tfisser li jiġi ddefinit sett ta' suppożizzjonijiet sabiex jiġi żgurat li ma sseħħ l-ebda valutazzjoni insuffiċjenti ta' emissjonijiet annwali jew valutazzjoni żejda ta' distanzi ***jew ta' ammonti ta' merkanzija li nġarru***; | (j) "konservattiv" tfisser li jiġi ddefinit sett ta' suppożizzjonijiet sabiex jiġi żgurat li ma sseħħ l-ebda valutazzjoni insuffiċjenti ta' emissjonijiet annwali jew valutazzjoni żejda ta' distanzi; |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – punt k**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(k) "tunnellati ta' CO2" tfisser tunnellati metriċi ta' CO2;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – punt la (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(la) 'bastiment fl-irmiġġ' tfisser bastiment li jkun sorġut jew ankrat b'mod sikur f'port tal-Unjoni filwaqt li jgħabbi, iħott jew jakkomoda persuni, inkluż il-ħin li fih ma jkunx involut fl-operazzjonijiet tal-merkanzija;*** |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – punt lb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(lb) "klassi tas-silġ" tfisser in-notazzjoni assenjata lill-bastiment mill-Amministrazzjoni jew mill-organizzazzjoni rikonoxxuta mill-Amministrazzjoni li turi li l-bastiment ġie mfassal għan-navigazzjoni f'kundizzjonijiet ta' baħar bis-silġ.*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-kumpaniji għandu jimmonitorjaw u jirrappurtaw l-ammont u t-tip ta' fjuwil ikkunsmat għal kull bastiment matul ***sena kalendarja f'kull port*** li ***jkun*** taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u ***għal kull vjaġġ*** li jaslu u li jitilqu minn port li jkun taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru skont il-paragrafi 2 sa 6. | 1. Il-kumpaniji għandhom jimmonitorjaw u jirrappurtaw l-ammont u t-tip ta' fjuwil ikkunsmat għal kull bastiment matul ***perjodu ta' rapportar fil-portijiet kollha*** li ***jkunu*** taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u ***għall-vjaġġi kollha*** li jaslu u li jitilqu minn port li jkun taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru skont il-paragrafi 2 sa 6. |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-monitoraġġ u r-rapportar għandhom ikunu kompluti u għandhom ikopru l-emissjonijiet ***kollha*** mill-kombustjoni tal-fjuwils. Il-kumpaniji għandhom japplikaw miżuri xierqa sabiex jevitaw kwalunkwe nuqqas fid-dejta fil-perjodu ta' rappurtar. | 2. Il-monitoraġġ u r-rapportar għandhom ikunu kompluti u għandhom ikopru l-emissjonijiet ***ta' $CO_2$ u $NO_x$*** mill-kombustjoni tal-fjuwils***, kemm waqt li l-bastiment ikun fuq il-baħar kif ukoll fl-irmiġġ***. Il-kumpaniji għandhom japplikaw miżuri xierqa sabiex jevitaw kwalunkwe nuqqas fid-dejta fil-perjodu ta' rappurtar. |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Il-kumpaniji għandhom iqisu r-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-rapporti tal-verifika maħruġa skont l-Artikolu 13 fil-monitoraġġ u r-rappurtar sussegwenti tagħhom.*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-finijiet tal-Artikolu 4(1), (2) u (3), il-kumpanniji għandhom jiddeterminaw l-emissjonijiet tagħhom u informazzjoni oħra rilevanti ***għall-klima*** għal kull wieħed mill-bastimenti tagħhom b'aktar minn ***5000*** TG skont kwalunkwe mill-metodi stabbiliti fl-Anness I. | Għall-finijiet tal-Artikolu 4(1), (2) u (3), il-kumpaniji għandhom jiddeterminaw l-emissjonijiet tagħhom u informazzjoni oħra rilevanti għal kull wieħed mill-bastimenti tagħhom b'aktar minn ***400*** TG skont kwalunkwe ***wieħed*** mill-metodi stabbiliti fl-Anness I. |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fejn jintlaħaq ftehim internazzjonali biex jiġu sorveljati l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport marittimu, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-metodi stabbiliti fl-Anness I u għandha tingħata s-setgħa biex tadotta atti delegati bi qbil mal-Artikolu 24, dwar, jekk xieraq, emendi għal dak l-Anness sabiex tispeċifika l-użu ta' miters tal-fluss għal proċessi ta' kombustjoni applikabbli u għall-kejl dirett ta' emissjonijiet.*** |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sal-31 ta’ Awwissu 2017, il-kumpaniji għandhom jissottomettu lill-verifikaturi pjan ta’ monitoraġġ li jindika l-metodu magħżul sabiex jimmontorjaw u jirrappurtaw l-emissjonijiet u informazzjoni oħra relevanti ***għall-klima ta’*** għal kull wieħed mill-bastimenti tagħhom b’aktar minn ***5000*** TG. | 1. Sal-31 ta’ Awwissu 2017, il-kumpaniji għandhom jissottomettu lill-verifikaturi pjan ta’ monitoraġġ li jindika l-metodu magħżul sabiex jimmontorjaw u jirrappurtaw l-emissjonijiet u informazzjoni oħra relevanti għal kull wieħed mill-bastimenti tagħhom b’aktar minn ***400*** TG. |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-identifikazzjoni u t-tip tal-bastiment inkluż l-isem tal-bastiment, in-numru tiegħu tar-reġistrazzjoni tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) , il-port tiegħu ta’ reġistrazzjoni jew port domiċili u l-isem ta' sid il-bastiment; | (a) l-identifikazzjoni u t-tip tal-bastiment inkluż l-isem tal-bastiment, in-numru tiegħu tar-reġistrazzjoni tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI), il-port tiegħu ta’ reġistrazzjoni jew port ta’ domiċilju***, il-klassi tas-silġ tal-bastiment,*** u l-isem ta’ sid il-bastiment; |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) deskrizzjoni tas-sorsi ta’ emissjoni ***abbord il-bastiment bħal magni prinċipali, magni awżiljari, bojlers u ġeneraturi tal-gass inert u t-tipi ta’ fjuwils użati***; | (c) deskrizzjoni tas-sorsi ta’ emissjoni ***li ġejjin u t-tipi ta’ fjuwils assoċjati magħhom abbord il-bastiment kif ġej***: |
| | ***(i) magna(i) prinċipali*** |
| | ***(ii) magna(i) awżiljarja(i)*** |
| | ***(iii) bojler(s)*** |

| | |
|---|---|
| | ***(iv) ġeneratur(i) tal-gass inert;*** |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) deskrizzjoni ta' proċeduri, sistemi u responsabbiltajiet użati għall-aġġornament tal-kompletezza tal-lista tas-sorsi ta' emissjoni matul ***is-sena*** tal-monitoraġġ għall-fini li tiġi żgurata l-kompletezza tal-monitoraġġ u tar-rapportar tal-emissjonijiet tal-bastiment; | (d) deskrizzjoni ta' proċeduri, sistemi u responsabbiltajiet użati għall-aġġornament tal-kompletezza tal-lista tas-sorsi ta' emissjoni matul ***il-perjodu*** tal-monitoraġġ għall-fini li tiġi żgurata l-kompletezza tal-monitoraġġ u tar-rapportar tal-emissjonijiet tal-bastiment; |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt h – subpunt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(ii) il-proċeduri, ir-responsabbiltajiet, il-formuli u s-sorsi tad-dejta biex jiġu determinati u rreġistrati l-merkanzija li nġarret u l-għadd ta' passiġġieri kif applikabbli;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt ha (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ha) il-proċeduri, ir-responsabbiltajiet, il-formoli u s-sorsi tad-dejta biex tiġi ddeterminata u rreġistrata d-distanza vjaġġata u l-ħin iddedikat għan-*** |

| | |
|---|---|
| | ***navigazzjoni fis-silġ;*** |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt j**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(j) id-data tal-aħħar modifika fil-pjan ta' monitoraġġ.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt ja (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ja) tabella ta' rendikont tar-reviżjoni biex jiġu rreġistrati d-dettalji kollha tal-istorja tar-reviżjoni;*** |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-kumpaniji għandhom jużaw pjanijiet ta' monitoraġġ standardizzati bbażati fuq mudelli stabbiliti. Regoli tekniċi li jistabbilixxu mudelli ***għall-pjani*** ta' monitoraġġ ***imsemmi*** fil-paragrafu 1 ***għandhom jiġu ddeterminati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni***. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2) ta' dan ir-Regolament***. | 4. Il-kumpaniji għandhom jużaw pjanijiet ta' monitoraġġ standardizzati bbażati fuq mudelli stabbiliti. ***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 24 sabiex tiddetermina*** regoli tekniċi li jistabbilixxu mudelli ***għall-pjanijiet*** ta' monitoraġġ ***imsemmija*** fil-paragrafu 1. . ***Dawk il-mudelli għandhom ikunu sempliċi kemm jista' jkun u ma joħolqu l-ebda burokrazjija żejda***. |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kumpanija għandha timmodifika l-pjan ta' monitoraġġ fi kwalunkwe mis-sitwazzjonijiet ***li ġejjin:*** | Kumpanija għandha timmodifika l-pjan ta' monitoraġġ fi kwalunkwe ***waħda*** mis-sitwazzjonijiet ***stabbiliti fil-punti (a) sa (e). Il-pjan ta' monitoraġġ għandu jiġi mmodifikat biss fir-rigward tat-tibdil speċifiku li jkun seħħ b'riżultat ta' dawk is-sitwazzjonijiet.*** |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) fejn isseħħ bidla fis-sjieda tal-bastimenti; | (a) fejn isseħħ bidla fis-sjieda tal-bastimenti***, jew bidla fid-detentur tad-DOK jew tal-bandiera***; |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-monitoraġġ jista' jiġi sospiż matul perjodi li matulhom bastiment ikun involut f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza inklużi attivitajiet ta' salvataġġ tal-ħajja.*** |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-ammont u l-fattur ta’ emissjoni għal kull tip ta’ fjuwil ikkunsmat bħala total ***u ddifferenzjat bejn il-fjuwil użat ġewwa u barra ż-żoni ta’ kontroll tal-emissjonijiet***; | (b) l-ammont u l-fattur ta’ emissjoni għal kull tip ta’ fjuwil ikkunsmat bħala total; |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) is-$CO_2$ ***rilaxxatt***; | (c) is-$CO_2$ ***u*** $\boldsymbol{NO_x}$ ***rilaxxat***; |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(f) il-merkanzija li nġarret;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) l-effiċjenza enerġetika kif determinata fl-Anness II;*** |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – punt g**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***(g) ix-xogħol ta' trasport.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – punt ga (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(ga) id-data u l-ħin tal-bidu u t-tmiem tal-perjodi li matulhom il-monitoraġġ ġie sospiż minħabba sitwazzjonijiet ta' emerġenza bħal attivitajiet ta' salvataġġ tal-ħajja, flimkien ma' deskrizzjoni tagħhom;*** |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Għal trasport marittimu f'baħar fond lejn diversi portijiet tal-Unjoni, il-parti Ewropea tal-vjaġġ għandha titqies bħala vjaġġ wieħed.*** |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1b (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***B'deroga mill-ewwel paragrafu, il-bastimenti li joperaw esklussivament fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u li jwettqu diversi vjaġġi*** |

| | |
|---|---|
| | ***matul il-ġurnata huma eżentati mill-monitoraġġ ta' emissjonijiet abbażi ta' kull vjaġġ.*** |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 10 | Artikolu 10 |
| Monitoraġġ fuq bażi annwali | Monitoraġġ fuq bażi annwali |
| Fuq il-bażi tal-pjan ta' monitoraġġ approvat skont l-Artikolu 13(1), għal kull bastiment u għal kull sena kalendarja, il-kumpaniji għandhom jimmonitorjaw l-informazzjoni li ġejja, skont il-Parti A tal-Anness I u l-Anness II: | Fuq il-bażi tal-pjan ta' monitoraġġ approvat skont l-Artikolu 13(1), għal kull bastiment u għal kull sena kalendarja, il-kumpaniji għandhom jimmonitorjaw l-informazzjoni li ġejja, skont il-Parti A tal-Anness I u l-Anness II: |
| (a) l-ammont u l-fattur ta' emissjoni għal kull tip ta' fjuwil ikkunsmat bħala total ***u ddifferenzjat bejn il-fjuwil użat ġewwa u barra ż-żoni ta' kontroll tal-emissjonijiet***; | (a) l-ammont u l-fattur ta' emissjoni għal kull tip ta' fjuwil ikkunsmat bħala total; |
| (b) total ta' CO2 rilaxxat; | (b) total ta' ***$CO_2$ u $NO_x$*** rilaxxat; |
| (c) l-emissjonijiet ta' CO2 aggregati mill-vjaġġi kollha bejn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru | (c) l-emissjonijiet ta' $CO_2$ ***u $NO_x$*** aggregati mill-vjaġġi kollha bejn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru; |
| (d) l-emissjonijiet ta' CO2 aggregati mill-vjaġġi kollha li telqu minn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru; | (d) l-emissjonijiet ta' $CO_2$ ***u $NO_x$*** aggregati mill-vjaġġi kollha li telqu minn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru; |
| (e) aggregat tal-emissjonijiet ta' CO2 mill-vjaġġi kollha lejn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru; | (e) aggregat tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ ***u $NO_x$*** mill-vjaġġi kollha lejn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru; |
| (f) emissjonijiet ta' CO2 li seħħew fl-irmiġġ fi ħdan il-portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru; | (f) emissjonijiet ta' $CO_2$ ***u $NO_x$*** li seħħew fl-irmiġġ fi ħdan il-portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru; |
| (g) total tad-distanza vjaġġata: | (g) total tad-distanza vjaġġata: |
| (h) total tal-ħin iddedikat fuq il-baħar; | (h) total tal-ħin iddedikat fuq il-baħar ***u fl-irmiġġ***; |
| ***(i) totali tax-xogħol ta' trasport ;*** | |

| | |
|---|---|
| (j) medju tal-effiċjenza enerġetika. | (j) medju tal-effiċjenza enerġetika. |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 - paragrafu 3 – punt a – subpunt iii a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(iiia) il-klassi tas-silġ tal-bastiment,*** |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 3 – punt a – subpunt iv**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iv) l-effiċjenza teknika tal-bastiment (Energy Efficiency Design Index/***EEDI jew Estimated Index Value/EIV) skont ir-Riżoluzzjoni MEPC.215 (63)t al-OMI,*** fejn applikabbli***)***: | (iv) l-effiċjenza teknika ***ċċertifikata*** tal-bastiment espressa ***bl-Indiċi tal-Effiċjenza tal-Enerġija*** (Energy Efficiency Design Index/EEDI) fejn applikabbli ***għat-tip rilevanti tal-bastiment***: |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 3 – punt a – subpunt ix**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ix) l-indirizz, u d-dettalji tat-telefown***, il-feks*** u l-posta elettronika għal persuna tal-kuntatt; | (ix) l-indirizz, u d-dettalji tat-telefown u l-posta elettronika għal persuna tal-kuntatt; |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(ca) id-dettalji dwar perjodi ta' monitoraġġ sospiżi minħabba sitwazzjonijiet ta' emerġenza u ta' salvataġġ tal-ħajja.*** |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 5**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 5. B'mod partikolari l-verifikatur għandu jiżgura li l-emissjonijiet u l-informazzjoni oħra rilevanti ***għall-klima*** inklużi fir-rapport dwar l-emissjonijiet kienu ġew determinati f'konformità mal-Artikoli 8, 9 u 10 u l-pjan ta' monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 6. Il-verifikatur għandu jiżgura wkoll li l-emissjonijiet u informazzjoni oħra rilevanti ***għall-klima*** ddikjarati fir-rapporti huma konsistenti mad-dejta kkalkulata minn sorsi oħra f'konformità mal-Annessi I u II. | 5. B'mod partikolari l-verifikatur għandu jiżgura li l-emissjonijiet u l-informazzjoni oħra rilevanti inklużi fir-rapport dwar l-emissjonijiet kienu ġew determinati f'konformità mal-Artikoli 8, 9 u 10 u l-pjan ta' monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 6. Il-verifikatur għandu jiżgura wkoll li l-emissjonijiet u informazzjoni oħra rilevanti ddikjarati fir-rapporti huma konsistenti mad-dejta kkalkulata minn sorsi oħra f'konformità mal-Annessi I u II. |

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 7a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***7a. Fejn il-verifikatur jidentifika oqsma għal titjib fil-prestazzjoni tal-kumpanija relatati mal-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet, inkluż fir-rigward tal-kisba ta' iżjed preċiżjoni u titjib fl-effiċjenza tal-monitoraġġ u r-rappurtar, il-verifikatur għandu jinkludi r-rakkomandazzjonijiet għat-titjib fir-rapport tal-verifika.*** |

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1. Il-verifikatur għandu jidentifika r-riskji potenzjali relatati mal-proċess ta' monitoraġġ u ta' rappurtar billi jqabbel l-emissjonijiet irrappurtati b'dejta stmata ibbażata fuq id-dejta tat-traċċar tal-bastimenti u karatteristiċi bħall-qawwa tal-magna installata. Fejn jinstabu devjazzjonijiet sinifikanti, il-verifikatur għandu jwettaq analiżijiet supplementari.*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proċedura ta' verifika deskritta għandha tkun għażla għall-kumpanija biex tissorvelja l-emissjonijiet tal-bastimenti u għalhekk qed jiġi ssuġġerit li titħassar.*

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Matul il-kors taż-żjarat u l-ispezzjonijiet li jitwettqu mill-EMSA biex tissorvelja l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port, l-EMSA għandha tissorvelja wkoll l-applikazzjoni tal-paragrafi 1, 2, u 3 mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u tirrapporta lill-Kummissjoni.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-EMSA diġà twettaq minn 4sa 6 żjarat fl-Istati Membri fis-sena biex tivvaluta l-*

*implimentazzjoni tar-reġim tal-Kontroll tal-Istat tal-Port.*

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu penali għan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' monitoraġġ u ta' rappurtar stabbiliti fl-Artikoli 8 u 12 u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawk il-penali jiġu applikati. Il-penali previsti għandhom ikunu ***mhux inqas stretti minn dawk previsti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi ta' rappurtar minn operaturi u għandhom ikunu*** effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2017, u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien b'kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwa dawn id-dispożizzjonijiet. | 1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu penali għan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' monitoraġġ u ta' rappurtar stabbiliti fl-Artikoli 8 u 12 u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawk il-penali jiġu applikati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2017, u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien b'kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwa dawn id-dispożizzjonijiet. |

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-emissjonijiet irrappurtati skont l-Artikolu 11 ***u l-informazzjoni dwar il-konformità tal-kumpanija mar-rekwiżiti ta' monitoraġġ u ta' rappurtar stabbiliti fl-Artikoli 11 u 17***. | 1. Sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-emissjonijiet irrappurtati skont l-Artikolu 11***, waqt li tirrispetta l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjali biex jiġi mħares l-interess ekonomiku leġittimu*** |

| | |
|---|---|
| | ***skont l-Artikolu 3 u l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/4/KE [1a]tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.** |
| | __________________ |
| | ***[1a]Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).*** |

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-identità tal-bastiment (l-isem, in-numru tar-reġistrazzjoni tal-OMI ***u*** l-port fejn hu rreġistrat jew il-port ta' domiċilju); | (a) l-identità tal-bastiment (l-isem, in-numru tar-reġistrazzjoni tal-OMI**,** il-port fejn hu rreġistrat jew il-port ta' domiċilju ***u l-klassi tas-silġ tal-bastiment***); |

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-effiċjenza teknika tal-bastiment (EEDI ***jew EIV*** fejn applikabbli); | (c) l-effiċjenza teknika tal-bastiment (EEDI fejn applikabbli ***għat-tip rilevanti tal-bastiment***); |

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) l-emissjonijiet annwali ta' CO2; | (d) l-emissjonijiet annwali ta' $CO_2$ ***u*** $\boldsymbol{NO_x}$; |

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(g) il-medja annwali tal-konsum tal-fjuwil u l-emissjonijiet tal-gassijietijiet serra għal kull distanza vjaġġata u merkanzija għal vjaġġi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(h) it-totali tal-ħin annwali ddedikat fuq il-baħar għal vjaġġi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport annwali dwar l-emissjonijiet u informazzjoni oħra relevanti ***għall-klima*** mit-trasport marittimu. | 3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport annwali dwar l-emissjonijiet u informazzjoni oħra relevanti mit-trasport marittimu. |

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Fejn jintlaħaq ftehim internazzjonali dwar miżuri globali sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport marittimu, il-Kummissjoni għandha tirrevedi dan ir-Regolament u ***tista', jekk ikun xieraq, tipproponi emendi għal dan ir-Regolament***. | 3. Fejn jintlaħaq ftehim internazzjonali dwar miżuri globali sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport marittimu, il-Kummissjoni għandha tirrevedi dan ir-Regolament u ***tiżgura l-allinjament mar-regolamenti internazzjonali rilevanti stabbiliti mill-OMI***. |

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 23 | Artikolu 23 |
| Delega tas-setgħat | Delega tas-setgħat |
| Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti ta' delega sabiex id-dispożizzjonijiet tal-Annessi I u II jiġu ssupplimentati u emendati bil-għan li titqies l-evidenza xjentifika aġġornata disponibbli, ***flimikien mal-informazzjoni rilevanti li tkun disponibbli abbord il-bastimenti u r-regoli*** internazzjonali rilevanti ***u l-istandards aċċettati internazzjonalment, għall-identifikzzjoni tal-aktar*** metodi preċiżi u effiċjenti għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet, u biex tittejjeb l-eżattezza tal-informazzjoni mitluba relatati mal-monitoraġġ u r-rappurtar ta' emissjonijiet**,** hija kkonferita lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 24 safejn dan jikkonċerna elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament. | Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti ta' delega sabiex id-dispożizzjonijiet tal-Annessi I u II ***ikunu konferiti fuq il-Kummissjoni sabiex*** jiġu ssupplimentati u emendati bil-għan li titqies l-evidenza xjentifika aġġornata disponibbli ***kif ukoll biex tallinja l-Annessi mar-regolamenti*** internazzjonali rilevanti ***kif maqbul mal-OMI, bil-għan li tiġi żgurata l-konformità mar-regolamenti internazzjonali biex ikunu identifikati l-aktar*** metodi preċiżi u effiċjenti għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet, u biex tittejjeb l-eżattezza tal-informazzjoni mitluba relatati mal-monitoraġġ u r-rappurtar ta' emissjonijiet**. *Din is-setgħa*** hija kkonferita lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 24 ***biss*** safejn dan jikkonċerna elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament. |

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti ta' delega msemmija fl-Artikoli 15, 16 u 23 għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin ***mill-1 ta' Lulju 2015***. | 1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta’ atti delegati msemmija ***fil-paragrafu 1a tal-Artikolu 5, l-Artikolu 6(4),*** fl-Artikoli 15, 16 u 23 għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin ***[mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' 5 snin. Id-delega ta’ setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta’ żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta’ kull perijodu.*** |

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Id-delega tas-setgħa msemmija ***fl-Artikolu*** 23 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ***ta’ revoka*** ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f’dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta’ kwalunkwe att ta' delega li jkun diġà fis-seħħ. | 2. Id-delega tas-setgħa msemmija ***fil-paragrafu 1a tal-Artikoli 5, l-Artikolu 6(4), l-Artikoli 15, 16 u*** 23 tista’ tiġi revokata f'kull żmien mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ***li tirrevoka għandha*** ttemm id-delega ta’ setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta’ kwalunkwe att ta' delega li jkun diġà fis-seħħ. |

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Att ta' delega adottat skont ***l-Artikolu*** 23 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn wara n-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew jew lill-Kunsill jew jekk, qabel id-data ta' skadenza ta' dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill kienu għarrfu lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn wara l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. | 4. Att delegat adottat skont ***il-paragrafu 1a tal-Artikoli 5, l-Artikolu 6(4) u l-Artikoli 15, 16 u*** 23 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn wara n-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew jew lill-Kunsill jew jekk, qabel id-data ta' skadenza ta' dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill kienu għarrfu lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn wara l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. |

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 2**
Regolament (UE) Nru 525/2013
Artikolu 21a – paragrafi 1 sa 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jiddaħħal l-'Artikolu 21a' li ġej: | 2. Jiddaħħal l-'Artikolu 21a' li ġej: |
| Artikolu 21a | Artikolu 21a |
| Rapportar dwar l-emissjonijiet mit-trasport marittimu | Rapportar dwar l-emissjonijiet mit-trasport marittimu |
| (1) "Sal-15 ta' Jannar ta' kull sena ('sena X') l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni, għas-sena X-2, l-emissjonijiet ta' CO2 mit-trasport marittimu skont l-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXXX/XXXX. | (1) "Sal-15 ta' Jannar ta' kull sena ('sena X') l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni, għas-sena X-2, l-emissjonijiet ta' $CO_2$ ***u*** $\boldsymbol{NO_x}$ mit-trasport marittimu skont l-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXXX/XXXX. |

| | |
|---|---|
| (2) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' delega skont l-Artikolu 25 ta’ dan ir-Regolament sabiex tispeċifika r-rekwiżiti għall-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet ta’ CO2 mit-trasport marittimu skont l-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXXX/XXXX u b’kont meħud, fejn applikabbli, tad-deċiżjonijiet rilevanti adottati mill-korpi tal-UNFCCC u l-Protokoll ta’ Kjoto jew ftehimiet li jirriżultaw minnhom jew li jiġu warajhom jew deċiżjonijiet adottati fil-kuntest tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. | (2) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta’ delega skont l-Artikolu 25 ta’ dan ir-Regolament sabiex tispeċifika r-rekwiżiti għall-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet ta’ $CO_2$ ***u*** $\boldsymbol{NO_x}$ mit-trasport marittimu skont l-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXXX/XXXX u b’kont meħud, fejn applikabbli, tad-deċiżjonijiet rilevanti adottati mill-korpi tal-UNFCCC u l-Protokoll ta’ Kjoto jew ftehimiet li jirriżultaw minnhom jew li jiġu warajhom jew deċiżjonijiet adottati fil-kuntest tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. |
| (3) Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta’ implimentazzjoni li jistabbilixxu l-istruttura, il-format u l-proċess għas-sottomissjoni mill-Istati Membri tal-emissjonijiet ta’ CO2 mit-trasport marittimu skont l-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXXX/XXXX. Dawn l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta’ eżami msemmija fl-[Artikolu 26(2)]." | (3) Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta’ implimentazzjoni li jistabbilixxu l-istruttura, il-format u l-proċess għas-sottomissjoni mill-Istati Membri tal-emissjonijiet ta’ $CO_2$ ***u*** $\boldsymbol{NO_x}$ mit-trasport marittimu skont l-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament (UE) Nru XXXX/XXXX. Dawn l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta’ eżami msemmija fl-[Artikolu 26(2)]." |

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 2**
Regolament (UE) Nru 525/2013
Artikolu 21a – paragrafu 3a (ġdid)

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Il-Kummissjoni għandha tivvaluta kull sentejn l-impatt ġenerali tas-settur tat-trasport marittimu fuq il-klima globali, anke permezz ta’ emissjonijiet mhux tas-*** $\boldsymbol{CO_2}$ ***jew ta’ effetti abbażi ta' dejta dwar l-emissjonijiet ipprovduta mill-Istati Membri skont l-Artikolu 7 u/jew kif previst fir-Regolament (UE) Nru XXXX/XXXX, u ttejjeb din il-valutazzjoni permezz ta’ referenza għall-avvanzi xjentifiċi u d-dejta dwar it-traffiku marittimu.*** |

**Emenda 83**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti B – paragrafu 3 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) Immudellar bl-informazzjoni dwar il-moviment tal-bastimenti (AIS) u d-dejta speċifika tal-bastimenti*** |

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – punt B – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Kwalunkwe ġabra flimkien tal-metodi msemmija hawn fuq u li hija approvata mill-verifikatur, tista'tintuża biex ittejjeb il-preċiżjoni globali tal-kejl.*** |

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti B – punt 1 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Dan l-approċċ ma għandux jintuża meta l-BDN*** mhumiex disponibbli abbord il-bastimenti, speċjalment meta l-merkanzija sservi bħala fjuwil, pereżempju, l-evaporazzjoni tal-gass naturali llikwifikat (LNG) . | ***Meta l-BDNs*** mhumiex disponibbli abbord il-bastimenti, speċjalment meta l-merkanzija sservi bħala fjuwil, pereżempju, l-evaporazzjoni tal-gass naturali llikwifikat (LNG***), għandhom jintużaw biss l-inventarji tat-tankijiet tal-fjuwil u l-qari tat-tank tal-fjuwil***. |

**Emenda 86**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – punt B – punt 1 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Meta l-BDNs ma jkunux disponibbli abbord il-bastimenti, speċjalment meta l-merkanzija sservi bħala fjuwil, pereżempju, l-evaporazzjoni tal-gass naturali llikwifikat (LNG), għandhom jintużaw biss l-inventarji tat-tankijiet tal-fjuwil u l-qari tat-tank tal-fjuwil.*** |

**Emenda 87**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti B – punt 2 – paragrafu 5 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) id-densità mkejla f'analiżi ta' test imwettaq f'laboratorju akkreditat għat-testijiet tal-fjuwils, fejn disponibbli.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Id-densità attwali tal-fjuwil determinata f'laboratorju għall-ittestjar tal-fjuwil, fil-każijiet fejn il-Kumpanija jkollha wieħed, hija iżjed preċiża mid-densità standard għat-tip ta' fjuwil użat u għalhekk għandha tiġi inkluża bħala għażla.*

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – punt B – punt 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-kejl dirett tal-emissjonijiet jista' jintuża għal vjaġġi fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u għal emissjonijiet li jseħħu fil-portijiet li jkunu jinsabu fil-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru. L-emissjonijiet ta' CO2 għandhom jinkludu | Il-kejl dirett tal-emissjonijiet jista' jintuża għal vjaġġi fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u għal emissjonijiet li jseħħu fil-portijiet li jkunu jinsabu fil-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru. L-emissjonijiet ta' $CO_2$ ***u*** $\boldsymbol{NO_x}$ għandhom |

l-emissjonijiet ta' CO2 li joħorġu mill-magni prinċipali, magni awżiljari, bojlers u ġeneraturi tal-gass inert. ***Għal bastimenti li fuqhom r-rappurtar huwa bbażat fuq dan il-metodu, il-konsum tal-fjuwil għandu jiġi kkalkulat bl-użu tal-emissjonijiet imkejla ta' CO2 u tal-fattur applikabbli ta' emissjoni tal-fjuwils ikkonċernati.***

jinkludu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ ***u*** $\boldsymbol{NO_x}$ li joħorġu mill-magni prinċipali, magni awżiljari, bojlers u ġeneraturi tal-gass inert.

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – punt B – punt 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan il-metodu huwa bbażat fuq id-determinazzjoni tal-flussi tal-emissjonijiet ta' CO2 fiċ-ċmieni tal-gass tal-egżost (funnels) bil-multiplikazzjoni tal-konċentrazzjoni tas-CO2 tal-gass tal-egżost mal-fluss tal-gass tal-egżost. | Dan il-metodu huwa bbażat fuq id-determinazzjoni tal-flussi tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ ***u*** $\boldsymbol{NO_x}$ fiċ-ċmieni tal-gass tal-egżost (funnels) bil-multiplikazzjoni tal-konċentrazzjoni tas-$CO_2$ ***u*** $\boldsymbol{NO_x}$ tal-gass tal-egżost mal-fluss tal-gass tal-egżost. |

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti B – punt 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Metodu Da: Immudellar bl-informazzjoni dwar il-moviment tal-bastimenti (AIS) u d-dejta speċifika tal-bastimenti.*** |
| | ***L-aġenzija inkarigata mis-sistema tal-immudellar tagħmel ftehim bil-miktub mas-sid tal-bastiment inkwistjoni. Fit-tmiem tal-perjodu tal-monitoraġġ, l-emissjonijiet tas-$CO_2$ ikkalkulati jitqabblu mal-ktieb tar-rekords taż-żejt tal-bastiment u l-BDNs sabiex kwalunkwe diskrepanza tinstab u tiġi ikkoreġuta.*** |

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt A – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Għall-bastimenti tal-passiġġieri, in-numru ta' passiġġieri għandu jintuża biex jirrappreżenta l-merkanzija li tinġarr. Għall-kategoriji l-oħra kollha ta' bastimenti, l-ammont ta' merkanzija li tinġarr għandu jkun espress bħala tunnellati metriċi u metri kubi ta' merkanzija.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt A – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Ix-xogħol ta' trasport għandu jkun iddeterminat billi d-distanza vjaġġata tiġi mmultiplikata mal-ammont ta' merkanzija li tinġarr.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt B – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-effiċjenza enerġetika medja għandha tiġi mmonitorjata bl-użu ta' ***mill-anqas erba'*** indikaturi, il-konsum tal-fjwuil għal kull distanza, ***il-konsum tal-fjwuil għal kull xogħol ta' trasport,*** l-emissjonijiet ta' CO2 għal kull distanza ***u l-emissjonijiet ta' CO2 għal kull xogħol ta' trasport,*** li għandhom jiġu kkalkulati kif ġej: | L-effiċjenza enerġetika medja għandha tiġi mmonitorjata bl-użu ta' ***żewġ*** indikaturi, il-konsum tal-fjwuil għal kull distanza ***u*** l-emissjonijiet ta' $CO_2$ ***u*** $NO_x$ għal kull distanza, li għandhom jiġu kkalkulati kif ġej: |

| | |
|---|---|
| Konsum tal-fjuwil għal kull distanza = total tal-konsum tal-fjuwil annwali/total tad-distanza vjaġġata | Konsum tal-fjuwil għal kull distanza = total tal-konsum tal-fjuwil annwali/total tad-distanza vjaġġata |
| ***Konsum tal-fjuwil għal kull xogħol ta' trasport = total tal-konsum tal-fjuwil annwali/total ta' xogħol ta' trasport*** | |
| Emissjonijiet ta' CO2 għal kull distanza = total tal-emissjonijiet annwali ta' CO2 / total tad-distanza vjaġġata | Emissjonijiet ta' $CO_2$ ***u*** ***$NO_x$*** għal kull distanza = total tal-emissjonijiet annwali ta' $CO_2$ ***u*** ***$NO_x$*** / total tad-distanza vjaġġata |
| ***Emissjonijiet ta' CO2 għal kull xogħol ta' trasport = total tal-emissjonijiet annwali ta' CO2 / total ta' xogħol ta' trasport*** | |

## NOTA SPJEGATTIVA

### Introduzzjoni

Is-settur tat-trasport marittimu għandu rwol ewlieni fl-ekonomija Ewropea. Huwa responsabbli għal parti kbira mit-trasport internazzjonali ta' merkanzija bejn is-27 Stat Membru tal-UE u l-bqija tad-dinja, filwaqt li jipprovdi kontribut sinifikanti għat-trasport intra-UE tal-merkanzija. Skont it-"Trasport tal-UE f'ċifri, 2012", fl-2010 is-settur marittimu kien responsabbli għat-trasport tal-merkanzija ta' madwar 1 400 biljun tunnellata-kilometru (tkm) fis-27 Stat Membru tal-UE, it-tieni wara t-trasport bit-triq (1 800 biljun tkm). It-trasport marittimu huwa anqas importanti mit-trasport tal-passiġġieri fis-27 Stat Membru tal-UE meta niġu għall-għadd ta' passiġġieri trasportati; madankollu, jibqa' mezz ta' trasport importanti fiż-żoni fejn mezzi oħra ta' trasport huma limitati minħabba l-ambjent ġeografiku (eż. gżejjer).

Minħabba d-dipendenza tiegħu fuq il-kombustjoni tal-fjuwils fossili u l-fatt li huwa wieħed mis-sorsi ta' emissjonijiet antropoġeniċi l-anqas irregolati, l-emissjonijiet mis-settur tat-trasport marittimu jikkontribwixxu kemm għat-tniġġis tal-arja kif ukoll għat-tibdil fil-klima. L-impatt ambjentali tas-settur minħabba l-emissjonijiet bħad-diossidu tal-karbonju ($CO_2$), l-ossidi tan-nitroġenu ($NO_x$), l-ossidi tal-kubrit ($SO_x$), il-metan ($CH_4$), il-materja partikulata (PM) u l-karbonju iswed (BC) mit-trasport marittimu li jseħħ fl-ibħra Ewropej jista' jikkontribwixxi sa 10-20 % tal-emissjonijiet tat-trasport marittimu globali. Meta jiġi kkunsidrat it-traffiku kollu tal-bastimenti mit-trasport marittimu nazzjonali u internazzjonali li jasal jew jitlaq mill-portijiet tas-27 Stat Membru tal-UE, il-kontribut jista' jitla' sa 30 % għas-$CO_2$. Rapport tekniku riċenti miż-ŻEE (Nru 4/2013) jindirizza l-impatt tas-settur fuq il-kwalità tal-arja u t-tibdil furzat fil-klima fl-Ewropa. L-emissjonijiet ta' $NO_x$ mit-trasport marittimu internazzjonali fl-ibħra Ewropej huma mistennija li jiżdiedu u jistgħu jkunu ugwali għal sorsi bbażati fuq l-art mill-2020 'il quddiem. Fil-livell globali, l-emissjonijiet mill-bastimenti kemm ta' sustanzi li jniġġsu l-arja u kemm tal-gassijietijiet serra (GHGs), bil-kontribut għal tibdil furzat tal-klima b'mod dirett u indirett, jindikaw effett tat-tkessiħ nett minkejja ż-żieda sinifikanti tal-emissjonijiet ta' $CO_2$. It-tnaqqis proġettat ta' emissjonijiet ta' $SO_2$ u ta' PM mit-trasport marittimu internazzjonali għandu jwassal għal tnaqqis tal-effett dirett tat-tkessiħ minħabba l-aerosol fuq l-Ewropa. Ir-rapport taż-ŻEE juri kemm huwa importanti li jiġi kkunsidrat l-impatt doppju tal-emissjonijiet mit-trasport marittimu internazzjonali fuq il-kwalità tal-arja u t-tibdil furzat tal-klima. Għalhekk, sistema integrata għall-monitoraġġ, in-notifika u l-verifika (MRV) li tkopri l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja u tal-GHGs ser tikkontribwixxi biex tiġi pprovduta informazzjoni aħjar dwar il-kobenefiċċji u l-għażliet ta' kompromess fir-rigward tal-politiki relatati fl-Ewropa.

### Sfond regolatorju u sfidi tat-teknoloġija

Fit-tfassil ta' politika internazzjonali u Ewropea favur il-kwalità tal-arja u l-klima, ġiet identifikata l-ħtieġa ta' regolamentazzjoni internazzjonali dwar l-emissjonijiet tal-bastimenti. Fl-1997 ġie miżjud anness ġdid mal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Vapuri (MARPOL). L-Anness VI tal-MARPOL ifittex li jnaqqas l-emissjonijiet fl-arja minn bastimenti ($SO_x$, $NO_x$, sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu (ODS), komposti

organiċi volatili (VOCs)) u l-kontribut tagħhom għat-tniġġis tal-arja lokali u l-problemi ambjentali globali. L-Anness VI daħal fis-seħħ fid-19 ta' Mejju 2005 u l-Anness VI rivedut bil-limiti stretti ta' emissjonijiet sinifikanti daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2010. Fl-2007, it-trasport marittimu internazzjona kien stmat li kkontribwixxa madwar 2.7 % fl-emissjonijiet globali ta' $CO_2$. L-OMI adottat ukoll miżuri obbligatorji tekniċi u operazzjonali għall-effiċjenza enerġetika bil-għan li jitnaqqas l-ammont ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ mit-trasport marittimu internazzjonali.

Fil-livell tal-UE, id-Direttiva 2009/29/KE tipprevedi "proposta li tinkludi emissjonijiet marittimi internazzjonali ... fl-impenn Komunitarju ta' tnaqqis bil-għan li l-Att propost jidħol fis-seħħ sal-2013". Il-White Paper dwar it-Trasport tal-2011 tal-Kummissjoni ssejjaħ biex "emissjonijiet ta' $CO_2$ tal-UE mit-trasport marittimu jitnaqqsu b'40 % (jekk fattibbli 50 %) sal-2050 meta mqabbla mal-livelli tal-2005". Is-sena l-oħra, il-Kummissjoni ħabbret li mhux se tlaħħaq dik l-iskadenza u għalissa lanqas mhija se toħroġ bi proposta biex jiġu limitati l-emissjonijiet. F'Ġunju 2013, il-Kummissjoni ressqet din il-proposta għal sistema ta' monitoraġġ, notifika u verifika (MRV) ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ mit-trasport marittimu internazzjonali. B'mod parallel, il-Kummissjoni ppubblikat komunikazzjoni b'punti ta' diskussjoni miftuħa dwar kif fil-futur jistgħu jiġu integrati l-emissjonijiet tat-trasport marittimu fil-politiki tat-tnaqqis tal-GHG fl-UE.

Fil-futur huwa mistenni tkabbir kbir tal-kummerċ dinji minħabba ż-żieda proġettata tal-popolazzjoni dinjija b'2 biljun persuna fid-deċennji li ġejjin, flimkien mal-parteċipazzjoni attiva ta' 2 biljun persuna oħra fl-ekonomija globali. Dan it-tkabbir jirrappreżenta sfida għas-settur marittimu sabiex jilħaq il-mira ta' emissjonijiet meħtieġa biex tinkiseb l-istabbilizzazzjoni fit-temperaturi globali. Għalhekk, b'mod parallel, it-teknoloġiji u l-prattiki innovattivi jeħtieġ ukoll li jiġu żviluppati u applikati fil-futur fir-rigward tal-kwalità tal-fjuwil/tibdil tal-fjuwil, it-teknoloġiji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-miżuri operattivi tal-bastimenti.

**Kummenti tar-rapporteur**

Dan ir-Regolament jipprovdi opportunità għal approċċ wiesa' Ewropew għal sistema ta' MRV tal-GHGs u tal-emissjonijiet li jniġġsu l-arja mis-settur marittimu. Dan l-approċċ għandu jippermetti lill-Ewropa tiżviluppa politiki għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għas-settur marittimu fil-futur qarib konsistenti mal-politiki globali tal-klima, tat-tniġġis tal-arja u tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem. Għalhekk hemm il-ħtieġa li jitwessa l-kamp ta' applikazzjoni billi tiġi inkluża sistema tal-MRV tal-emissjonijiet ta' $NO_x$ flimkien ma' dawk l-emissjonijiet ta' $CO_2$. L-emissjonijiet marittimi kemm ta' $CO_2$ kif ukoll ta' $NO_x$ qed jiżdiedu b'mod sinifikanti, filwaqt li qed jikkawżaw tibdil furzat importanti fil-klima. Simili għar-Regolament MMR Nru 525/2013 tal-UE dwar is-settur tal-avjazzjoni, hemm proposta valutazzjoni tal-impatti ambjentali tat-trasport marittimu fuq il-klima globali permezz ta' emenda għar-Regolament MMR. Il-Kummissjoni, abbażi ta' din il-valutazzjoni, għandha tindirizza l-impatt ambjentali tal-emissjonijiet marittimi bħal PM, BC u $CH_4$, kif ukoll ta' attivitajiet oħra li jwasslu għal emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja u ta' GHGs, jiġifieri l-użu ta' refriġeranti minn dgħajjes tas-sajd, u l-emissjonijiet evaporattivi mit-tagħbija u l-ħatt ta' fjuwils u ta' merkanzija bl-ingrossa (eż. VOCs, PM).

Il-Kummissjoni pproponiet li tillimita l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament għall-

bastimenti ta' aktar minn 5 000 TG. Sabiex titjieb il-kopertura tal-emissjonijiet u biex tinħoloq koerenza ma' regoli internazzjonali oħra bħal dawk definiti fl-Anness VI tal-MARPOL, il-kamp ta' applikazzjoni għandu jiġi estiż għall-bastimenti kollha ta' aktar minn 400 TG. Peress li dan il-limitu ġie diskuss ukoll fl-OMI, dan jallinja r-regoli tal-UE ma' qafas internazzjonali futur probabbli.

Filwaqt li huwa importanti li jiġi żgurat li dan ir-Regolament ikopri l-emissjonijiet marittimi b'mod kemm jista' jkun koerenti, huwa wkoll ta' importanza kruċjali li wieħed jiffoka fuq l-essenzjali u jillimita l-ispejjeż tal-implimentazzjoni u l-piż amministrattiv. Bl-istess mod, il-kumpaniji m'għandhomx ikunu obbligati li jippubblikaw informazzjoni li tkun sensittiva għan-negozju u li tkun potenzjalment qarrieqa. Għaldaqstant ir-rapporteur jipproponi li jiġi eskluż ix-xogħol tat-trasport mill-informazzjoni l-oħra rilevanti għall-klima peress li mhuwiex relatat mal-kejl tal-emissjonijiet. Is-suq marittimu diġà għandu – minħabba l-ispejjeż għolja tal-fjuwils – inċentivi għolja ħafna biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika, u l-effiċjenza enerġetika tax-xogħol tat-trasport fil-ħajja reali hija kwistjoni ferm aktar sofistikata, li ma tistax tiġi ddeterminata mingħajr l-għarfien taċ-ċirkostanzi tas-suq speċifiċi li jiddettaw id-deċiżjonijiet tas-sidien u l-operaturi tal-bastimenti. Mingħajr l-għarfien tal-merkanziji disponibbli, il-massa tagħhom meta mqabbla mal-piż tagħhom, il-kondizzjonijiet tat-temp, il-prezzijiet rilevanti, il-limitazzjonijiet ġeografiċi u limitazzjonijiet oħrajn, il-perjodu ta' żmien tal-kunsinna, eċċ, l-effiċjenza enerġetika reali tal-vjaġġ u l-impatt tiegħu fuq il-benessri soċjali ma jistgħux jiġu determinati. Għall-kuntrarju, il-pubblikazzjoni eponimika parzjali ta' tali informazzjoni tista' tagħti tagħrif żbaljat lill-pubbliku dwar l-effiċjenza enerġetika reali u toħloq tilwim bla bżonn.

20.1.2014

## OPINJONITAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza fl-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013
(COM(2013)0480 – C7-0201/2013 - 2013/0224(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Marita Ulvskog

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-rapporteur tilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu.

Il-fatt li t-trasport marittimu internazzjonali huwa eskluż mill-impenji tal-UE fir-rigward tal-emissjonijiet tal-UE għadu jirrappreżenta problema konsiderevoli. Mhuwiex raġonevoli li mezz wieħed ta' trasport jiġi eżentat mill-politika tal-klima, għalhekk il-Kummissjoni, minkejja l-assenza ta' ftehim internazzjonali, imissha diġà ipproponiet strumenti għal tnaqqis tal-emissjonijiet f'dan is-settur. Minkejja diversi snin ta' xogħol, il-proċess tal-OMI għadu ma kisibx riżultati suffiċjenti. Il-politika tal-UE f'dan il-qasam mhijiex adegwata u l-livell ta' ambizzjoni jrid jiżdied.

Il-miżuri proposti f'dan ir-regolament huma meħtieġa sabiex jinkiseb impenn tanġibbli dwar l-emissjonijiet tat-trasport marittimu internazzjonali u jiġu żviluppati strumenti adegwati fuq il-bażi tas-suq mill-aktar fis possibbli.

Ir-rapporteur tqis li jkun raġonevoli li l-proċess tal-OMI jingħata ċans ieħor, iżda jekk sal-31 ta' Diċembru 2015 ma jiġi ffirmat l-ebda ftehim internazzjonali li jinkludi impenji għal tnaqqis tal-emissjonijiet, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta leġiżlattiva dwar tnaqqis fl-emissjonijiet u strumenti.

Ir-rapporteur tqis li l-kalendarju propost għad-dħul fis-seħħ u l-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament miexi bil-mod wisq. Hija, għalhekk, tipproponi kalendarju aktar veloċi li jirrifletti l-importanza ta' azzjoni rapida dwar kwistjonijiet klimatiċi.

Il-Kummissjoni tipproponi li l-bastimenti tas-sajd ta' aktar minn 5000 tunnellata grossa jiġu

eżentati minn dan ir-regolament. Ma tingħata l-ebda raġuni għal dan. Ir-rapporteur tissuġġerixxi li din l-eżenzjoni titneħħa.

Hija tikkunsidra wkoll li r-regolament għandu jippromwovi l-metodi li jiddeterminaw l-emissjonijiet li għandhom l-akbar potenzjal li jipprovdu dejta preċiża u jipprovdu inċentivi ċari għal tnaqqis fl-emissjonijiet mill-bastimenti kkonċernati. Huwa propost, għalhekk, li l-kumpaniji affettwati mir-regolament ikunu jistgħu jagħżlu bejn il-miters tal-fluss għall-proċessi ta' kombustjoni applikabbli u l-kejl ta' emissjonijiet diretti.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Il-Pakkett dwar il-Klima u l-Enerġija[17] ***li appella għall-kontribuzzjoni*** tas-setturi kollha tal-ekonomija biex jinkiseb dan it-tnaqqis tal-emissjonijiet, ***fosthom*** dawk tat-trasport marittimu internazzjonali, jipprovdi mandat ċar: "...fil-każ li l-ebda ftehim internazzjonali li jinkludi l-emissjonijiet marittimi internazzjonali fil-miri ta' tnaqqis tiegħu permezz tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali ma jkun ġie approvat mill-Istati Membri u/jew l-ebda ftehim bħal dan permezz tal-UNFCCC ma jkun ġie approvat mill-Komunità sal-31 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni għandha tressaq proposta li tinkludi l-emissjonijiet marittimi internazzjonali fl-impenn għat-tnaqqis Komunitarju bil-għan li l-att propost jidħol fis-seħħ sal-2013. Tali proposta għandha timminimizza kull impatt negattiv fuq il-kompetittività tal-Komunità waqt li tikkunsidra l-benefiċċji ambjentali li jista' jkun hemm." | (1) Il-Pakkett dwar il-Klima u l-Enerġija [17] ***jesiġi l-kontribut*** tas-setturi kollha tal-ekonomija biex jinkiseb dan it-tnaqqis tal-emissjonijiet, ***minbarra*** dawk tat-trasport marittimu internazzjonali, ***iżda*** jipprovdi mandat ċar: "...fil-każ li l-ebda ftehim internazzjonali li jinkludi l-emissjonijiet marittimi internazzjonali fil-miri ta' tnaqqis tiegħu permezz tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali ma jkun ġie approvat mill-Istati Membri u/jew l-ebda ftehim bħal dan permezz tal-UNFCCC ma jkun ġie approvat mill-Komunità sal-31 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni għandha tressaq proposta li tinkludi l-emissjonijiet marittimi internazzjonali fl-impenn għat-tnaqqis Komunitarju bil-għan li l-att propost jidħol fis-seħħ sal-2013. Tali proposta għandha timminimizza kull impatt negattiv fuq il-kompetittività tal-Komunità waqt li tikkunsidra l-benefiċċji ambjentali li jista' jkun hemm." |

[17] Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE u d-Direttiva 2009/29/KE.

[17] Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE u d-Direttiva 2009/29/KE.

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) It-trasport marittimu internazzjonali għadu l-uniku mezz ta' trasport li mhuwiex inkluż fl-impenn tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra. Skont il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta għal dan ir-Regolament, l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu internazzjonali tal-Unjoni żdiedu b'48 % bejn l-1990 u l-2008.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1b) Fl-2011, il-White Paper tal-Kummissjoni dwar it-trasport stabbiliet mira ta' tnaqqis ta' emissjonijiet ta' 40 % fl-2050 meta mqabbla mal-2005 għat-trasport marittimu internazzjonali tal-Unjoni.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) F’Lulju 2011, l-Organizzazzjoni | (2) F’Lulju 2011, l-Organizzazzjoni |

| | |
|---|---|
| Marittima Internazzjonali (OMI) adottat miżuri tekniċi u operazzjonali, b'mod partikolari l-Indiċi tal-Effiċjenza tal-Enerġija (Energy Efficiency Design Index/EEDI) għall-bastimenti ġodda u l-Pjan dwar il-Ġestjoni tal-Effiċjenza Enerġetika tal-Bastimenti (Ship Energy Efficiency Management Plan/SEEMP), li se jġibu titjib f'termini tat-tnaqqis fiż-żieda mistennija fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra, iżda li waħedhom ma jistgħux iwasslu għat-tnaqqis assolut meħtieġ fl-emissjonijiet tal-gassijietijiet serra mit-trasport marittimu internazzjonali biex jinżammu l-isforzi skont l-għan globali li ż-żidiet fit-temperaturi globali jiġu limitati għal 2 °C. | Marittima Internazzjonali (OMI) adottat miżuri tekniċi u operazzjonali, b'mod partikolari l-Indiċi tal-Effiċjenza tal-Enerġija (Energy Efficiency Design Index/EEDI) għall-bastimenti ġodda u l-Pjan dwar il-Ġestjoni tal-Effiċjenza Enerġetika tal-Bastimenti (Ship Energy Efficiency Management Plan/SEEMP), li se jġibu titjib f'termini tat-tnaqqis fiż-żieda mistennija fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra, iżda li waħedhom ma jistgħux iwasslu għat-tnaqqis assolut meħtieġ fl-emissjonijiet tal-gassijietijiet serra mit-trasport marittimu internazzjonali biex jinżammu l-isforzi skont l-għan globali li ż-żidiet fit-temperaturi globali jiġu limitati għal 2 °C. ***Anki meta jitqiesu dawn il-miżuri tal-OMI, it-tbassir tal-kummerċ globali juri li l-emissjonijiet relatati mal-UE mit-trasport marittimu se jiżdiedu b'51 % oħra sal-2050 meta mqabbla mal-livelli tal-2010, li jindika li huma meħtieġa miżuri addizzjonali.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(11) Is-sistema MRV tal-Unjoni għandha tkopri wkoll informazzjoni oħra rilevanti għall-klima li tippermetti d-determinazzjoni tal-effiċjenza tal-bastimenti jew l-analiżi ulterjuri tal-kawżi tal-iżvilupp tal-emissjonijiet. Dan il-kamp ta' applikazzjoni jallinja wkoll is-sistema MRV tal-Unjoni mal-inizjattivi internazzjonali għall-introduzzjoni ta' sistema ta' standards ta' effiċjenza għal bastimenti eżistenti, li jkopru wkoll miżuri operazzjonali, u jikkontribwixxi għat-tneħħija tal-ostakli tas-suq relatati man-nuqqas ta' informazzjoni.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(24a) L-Unjoni qagħdet lura milli tistabbilixxi miri ta' tnaqqis għal trasport marittimu internazzjonali sakemm ikun hemm ftehim globali. Impenn globali jkun aħjar minn azzjoni unilaterali tal-Unjoni peress li ambitu aktar wiesa' jkun aktar effettiv biex jinkiseb tnaqqis fl-emissjonijiet.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(24b) L-Unjoni għadha ma stabbilietx miri ta' tnaqqis ta' $CO_2$ għat-trasport marittimu internazzjonali minħabba li tippreferi li jkun hemm ftehim globali fil-qafas tal-IMO f'dan il-qasam. Madankollu, fil-każ li ftehim fil-livell globali ma jkunx jista' jintlaħaq qabel tmiem l-2015, il-Kummissjoni Ewropea għandha tevalwa l-possibbiltajiet li tinħoloq mira għall-Unjoni kollha biex jitnaqqas is-$CO_2$ mit-trasport marittimu internazzjonali u għal mekkaniżmi possibbli ta' appoġġ.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(25) Sabiex isir użu tal-aħjar prattiki disponibbli u tal-evidenza xjentifika, għandha tiġi iddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat fir-rigward tal-eżami ta' ċerti aspetti tekniċi tal-monitoraġġ u tar-rapportar tal-emissjonijiet ta' CO2 minn bastimenti u li jiġu speċifikati aktar ir-regoli għall-verifika tar-rapporti tal-emissjonijiet u l-akkreditazzjoni ta' verifikaturi. Huwa ferm importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adegwati waqt il-ħidma preparatorja, inkluż fil-livell tal-esperti. Meta tħejji u tfassal atti ta' delega, il-Kummissjoni għandha tara li ssir trażmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(26) Sabiex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-użu ta' sistemi awtomatizzati u ta' mudelli elettroniċi standard għar-rappurtar koerenti tal-emissjonijiet u ta' informazzjoni oħra rilevanti għall-klima lill-Kummissjoni u Stati involuti, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni fuq il-Kummissjoni. Dawk is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni23.*** | ***imħassar*** |

[23] ***ĠU L 251, 18.9.2012, p. 49.***

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika preċiżi tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju ($CO_2$) ***u ta' informazzjoni oħra rilevanti għall-klima*** minn bastimenti li jaslu, jidħu jew joħorġu mill-portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru sabiex jippromwovi t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ mit-trasport marittimu b'mod kosteffiċjenti. | Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika preċiżi tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju ($CO_2$) minn bastimenti li jaslu, jidħlu jew joħorġu mill-portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru sabiex jippromwovi t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ mit-trasport marittimu b'mod kosteffiċjenti. |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(g) "informazzjoni oħra rilevanti għall-klima" tfisser informazzjoni relatata mal-konsum tal-fjuwil, xogħol tat-trasport u l-effiċjenza enerġetika ta' bastimenti li jippermettu l-analiżi tax-xejriet fl-emissjonijiet u l-valutazzjoni tal-prestazzjonijiet tal-bastimenti;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-monitoraġġ u r-rapportar għandhom | 2. Il-monitoraġġ u r-rapportar għandhom |

| | |
|---|---|
| ***ikunu kompluti u għandhom*** ikopru l-emissjonijiet ***kollha*** mill-kombustjoni tal-fjuwils. Il-kumpaniji għandhom japplikaw miżuri xierqa sabiex jevitaw kwalunkwe nuqqas fid-dejta fil-perjodu ta' rappurtar. | ikopru l-emissjonijiet ***ta' $CO_2$*** mill-kombustjoni tal-fjuwils***, kemm waqt li l-bastiment ikun fuq il-baħar kif ukoll fl-irmiġġ***. Il-kumpaniji għandhom japplikaw miżuri xierqa sabiex jevitaw kwalunkwe nuqqas fid-dejta fil-perjodu ta' rappurtar. |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sal-31 ta' Awwissu ***2017***, il-kumpaniji għandhom jissottomettu lill-verifikaturi pjan ta' monitoraġġ li jindika l-metodu magħżul sabiex jimmontorjaw u jirrappurtaw l-emissjonijiet u informazzjoni oħra relevanti għall-klima ta' għal kull wieħed mill-bastimenti tagħhom b'aktar minn 5000 TG. | 1. Sal-31 ta' Awwissu ***2015***, il-kumpaniji għandhom jissottomettu lill-verifikaturi pjan ta' monitoraġġ li jindika l-metodu magħżul sabiex jimmontorjaw u jirrappurtaw l-emissjonijiet u informazzjoni oħra relevanti għall-klima għal kull wieħed mill-bastimenti tagħhom b'aktar minn 5000 TG. |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. B'deroga mill-paragrafu 1, għal bastimenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-ewwel darba wara l-1 ta' Jannar ***2018***, il-kumpanija għandha tissottometti pjan ta' monitoraġġ lill-verifikatur mingħajr dewmien mhux dovut u mhux aktar tard minn xahrejn wara l-ewwel waqfa tagħhom f'port li jkun taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru. | 2. B'deroga mill-paragrafu 1, għal bastimenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-ewwel darba wara l-1 ta' Jannar ***2016***, il-kumpanija għandha tissottometti pjan ta' monitoraġġ lill-verifikatur mingħajr dewmien mhux dovut u mhux aktar tard minn xahrejn wara l-ewwel waqfa tagħhom f'port li jkun taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru. |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt h – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(i) il-proċeduri, ir-responsabbiltajiet u s-sorsi tad-dejta għad-determinazzjoni u d-dokumentazzjoni tad-distanza għal kull vjaġġ magħmul;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt h – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(ii) il-proċeduri, ir-responsabbiltajiet, il-formuli u s-sorsi tad-dejta biex jiġu determinati u rreġistrati l-merkanzija li nġarret u l-għadd ta' passiġġieri kif applikabbli;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt h – punt iii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(iii) il-proċeduri, ir-responsabbiltajiet, il-formuli u s-sorsi tad-dejta biex jiġi ddeterminat u rreġistrat il-ħin iddedikat fuq il-baħar bejn il-port tat-tluq u l-port tal-wasla;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mill-1 ta' Jannar ***2018***, fuq il-bażi tal-pjan ta' monitoraġġ approvat skont l-Artikolu 13(1), il-kumpaniji għandhom jimmonitorjaw annwalment l-emissjonijiet | Mill-1 ta' Jannar ***2016***, fuq il-bażi tal-pjan ta' monitoraġġ approvat skont l-Artikolu 13(1), il-kumpaniji għandhom jimmonitorjaw annwalment l-emissjonijiet |

| | |
|---|---|
| għal kull bastiment, u għal kull vjaġġ billi japplikaw il-metodu xieraq fost dawk stabbiliti fil-Parti B tal-Anness I u billi jikkalkulaw l-emissjonijiet skont il-Parti A tal-Anness I | għal kull bastiment, u għal kull vjaġġ billi japplikaw il-metodu xieraq fost dawk stabbiliti fil-Parti B tal-Anness I u billi jikkalkulaw l-emissjonijiet skont il-Parti A tal-Anness I |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-ammont u l-fattur ta' emissjoni għal kull tip ta' fjuwil ikkunsmat bħala total ***u ddifferenzjat bejn il-fjuwil użat ġewwa u barra ż-żoni ta' kontroll tal-emissjonijiet***; | (b) l-ammont u l-fattur ta' emissjoni għal kull tip ta' fjuwil ikkunsmat bħala total; |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(d) id-distanza vjaġġata:*** | ***imħassar*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(e) il-ħin iddedikat fuq il-baħar;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – punt f**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***(f) il-merkanzija li nġarret;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – punt g**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***(g) ix-xogħol ta' trasport.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – subparagrafu 2 (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***B'deroga mill-ewwel paragrafu, il-bastimenti li joperaw esklużivament fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament huma eżentati mill-monitoraġġ ta' emissjonijiet abbażi ta' kull vjaġġ.*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – punt a**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (a) l-ammont u l-fattur ta' emissjoni għal kull tip ta' fjuwil ikkunsmat bħala total ***u ddifferenzjat bejn il-fjuwil użat ġewwa u barra ż-żoni ta' kontroll tal-emissjonijiet***; | (a) ***l-ammont u l-fattur ta' emissjoni għal kull tip ta' fjuwil ikkunsmat bħala total***; |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(g) total tad-distanza vjaġġata:*** | ***imħassar*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(h) total tal-ħin iddedikat fuq il-baħar;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(i) totali tax-xogħol ta' trasport ;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – punt j**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(j) medju tal-effiċjenza enerġetika.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Mill-2019***, sat-30 ta' April ta' kull sena, il-kumpaniji għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-Istati tal-bandiera konċernati, rapport dwar l-emissjonijiet li jikkonċerna l-emissjonijiet u informazzjoni oħra rilevanti għall-klima matul il-perijodu kollu ta' rappurtar għal kull bastiment taħt ir-responsabbiltà tagħhom, li jkun ġie vverifikat bħala sodisfaċenti minn verifikatur, skont ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 14. | 1. ***Mill-2017***, sat-30 ta' April ta' kull sena, il-kumpaniji għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-Istati tal-bandiera konċernati, rapport dwar l-emissjonijiet li jikkonċerna l-emissjonijiet ***ta' $CO_2$*** u informazzjoni oħra rilevanti għall-klima matul il-perjodu kollu ta' rappurtar għal kull bastiment taħt ir-responsabbiltà tagħhom, li jkun ġie vverifikat bħala sodisfaċenti minn verifikatur, skont ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 14. |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. B'mod partikolari l-verifikatur għandu jiżgura li ***l-emissjonijiet u l-informazzjoni oħra rilevanti għall-klima*** inklużi fir-rapport dwar l-emissjonijiet kienu ġew determinati f'konformità mal-Artikoli 8, 9 u 10 u l-pjan ta' monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 6. Il-verifikatur għandu jiżgura wkoll li l-emissjonijiet ***u informazzjoni oħra rilevanti għall-klima ddikjarati*** fir-rapporti huma konsistenti mad-dejta kkalkulata minn sorsi oħra f'konformità mal-Annessi I u II. | 3. B'mod partikolari l-verifikatur għandu jiżgura li ***l-emissjonijiet ta' $CO_2$*** inklużi fir-rapport dwar l-emissjonijiet kienu ġew determinati f'konformità mal-Artikoli 8, 9 u 10 u l-pjan ta' monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 6. Il-verifikatur għandu jiżgura wkoll li l-emissjonijiet ***ta' $CO_2$ iddikjarati*** fir-rapporti huma konsistenti mad-dejta kkalkulata minn sorsi oħra f'konformità mal-Annessi I u II. |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(h) il-kalkoli li jwasslu sabiex tiġi stabbilita l-effiċjenza enerġetika;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mit-30 ta' Ġunju ***2019*** il-bastimenti li jaslu fi, fi jew jitilqu minn port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru għandhom iġorru abbord dokument validu li jiċċertifika l-konformità tal-bastiment mal-obbligi tar-rappurtar u tal-monitoraġġ għal perjodu ta' rappurtar ikkonċernat, maħruġ skont l-Artikolu 17. | Mit-30 ta' Ġunju ***2017*** il-bastimenti li jaslu fi, fi jew jitilqu minn port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru għandhom iġorru abbord dokument validu li jiċċertifika l-konformità tal-bastiment mal-obbligi tar-rappurtar u tal-monitoraġġ għal perjodu ta' rappurtar ikkonċernat, maħruġ skont l-Artikolu 17. |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu penali għan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' monitoraġġ u ta' rappurtar stabbiliti fl-Artikoli 8 u 12 u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawk il-penali jiġu applikati. Il-penali previsti għandhom ikunu mhux inqas stretti minn dawk previsti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi ta' rappurtar minn operaturi u għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju ***2017***, u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien b'kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwa dawn id-dispożizzjonijiet. | 1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu penali għan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' monitoraġġ u ta' rappurtar stabbiliti fl-Artikoli 8 u 12 u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawk il-penali jiġu applikati. Il-penali previsti għandhom ikunu mhux inqas stretti minn dawk previsti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi ta' rappurtar minn operaturi u għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju ***2015***, u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien b'kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwa dawn id-dispożizzjonijiet. |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(f) il-medja annwali tal-konsum tal-fjuwil u l-emissjonijiet tal-gassijietijiet serra għal kull distanza vjaġġata għal vjaġġi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(g) il-medja annwali tal-konsum tal-fjuwil u l-emissjonijiet tal-gassijietijiet serra għal kull distanza vjaġġata u merkanzija għal vjaġġi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(h) it-totali tal-ħin annwali ddedikat fuq il-baħar għal vjaġġi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika | 3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika |

| | |
|---|---|
| rapport annwali dwar l-emissjonijiet ***u informazzjoni oħra relevanti għall-klima*** mit-trasport marittimu. | rapport annwali dwar l-emissjonijiet ***ta' $CO_2$*** mit-trasport marittimu. |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Fejn jintlaħaq ftehim internazzjonali dwar miżuri globali sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport marittimu, il-Kummissjoni ***għandha tirrevedi dan ir-Regolament u tista', jekk ikun xieraq, tipproponi emendi għal dan ir-Regolament***. | 3. Fejn jintlaħaq ftehim internazzjonali dwar miżuri globali sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport marittimu, il-Kummissjoni ***għandha timpenja ruħha li tipproponi immedjatament li d-dispożizzjonijiet maqbula fuq livell internazzjonali jiddaħħlu fid-dritt Komunitarju***. |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 23*** | ***imħassar*** |
| ***Delega tas-setgħat*** | |
| ***Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti ta' delega sabiex id-dispożizzjonijiet tal-Annessi I u II jiġu ssupplimentati u emendati bil-għan li titqies l-evidenza xjentifika aġġornata disponibbli, flimikien mal-informazzjoni rilevanti li tkun disponibbli abbord il-bastimenti u r-regoli internazzjonali rilevanti u l-istandards aċċettati internazzjonalment, għall-identifikzzjoni tal-aktar metodi preċiżi u effiċjenti għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet, u biex tittejjeb l-eżattezza tal-informazzjoni mitluba relatati mal-monitoraġġ u r-rappurtar ta' emissjonijiet, hija kkonferita lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 24*** | |

***safejn dan jikkonċerna elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament.***

*Ġustifikazzjoni*

*Fl-istennija ta' ftehim internazzjonali dwar l-adozzjoni ta' miżuri globali, mhuwiex xieraq li l-Kummissjoni tkun tista' taqbeż il-koleġiżlaturi permezz ta' setgħat delegati jew ta' implimentazzjoni eċċessivi.*

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *Artikolu 24* | ***imħassar*** |
| ***Eżerċizzju tad-delega*** | |
| ***1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti ta' delega msemmija fl-Artikoli 15, 16 u 23 għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mill-1 ta' Lulju 2015.*** | |
| ***2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 23 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att ta' delega li jkun diġà fis-seħħ.*** | |
| ***3. Hekk kif tadotta att ta' delega, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*** | |
| ***4. Att ta' delega adottat skont l-Artikolu 23 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn wara n-notifika ta' dak l-att lill-*** | |

***Parlament Ewropew jew lill-Kunsill jew jekk, qabel id-data ta' skadenza ta' dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill kienu għarrfu lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn wara l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.***

*Ġustifikazzjoni*

*Fl-istennija ta' ftehim internazzjonali dwar l-adozzjoni ta' miżuri globali, mhuwiex xieraq li l-Kummissjoni tkun tista' taqbeż il-koleġiżlaturi permezz ta' setgħat delegati jew ta' implimentazzjoni eċċessivi.*

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 25*** | ***imħassar*** |
| ***Atti ta' implimentazzjoni*** | |
| ***1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni 93/389/KE. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** | |
| ***2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** | |

*Ġustifikazzjoni*

*Fl-istennija ta' ftehim internazzjonali dwar l-adozzjoni ta' miżuri globali, mhuwiex xieraq li l-Kummissjoni tkun tista' taqbeż il-koleġiżlaturi permezz ta' setgħat delegati jew ta' implimentazzjoni eċċessivi.*

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ ***fit-1*** ta' Lulju ***2015***. | Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ ***fl-1*** ta' Lulju ***2014***. |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Anness II**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***[...]*** | ***imħassar*** |

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu u emenda tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 |
| **Referenzi** | COM(2013)0480 – C7-0201/2013 – 2013/0224(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>4.7.2013 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ITRE<br>4.7.2013 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Marita Ulvskog<br>4.9.2013 |
| **Data tal-adozzjoni** | 9.1.2014 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 24<br>–: 14<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Josefa Andrés Barea, Jean-Pierre Audy, Ivo Belet, Bendt Bendtsen, Jan Březina, Maria Da Graça Carvalho, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Norbert Glante, Fiona Hall, Kent Johansson, Romana Jordan, Marisa Matias, Jaroslav Paška, Miloslav Ransdorf, Herbert Reul, Jens Rohde, Paul Rübig, Amalia Sartori, Konrad Szymański, Patrizia Toia, Evžen Tošenovský, Claude Turmes, Marita Ulvskog, Vladimir Urutchev, Alejo Vidal-Quadras, Zbigniew Zaleski |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Jerzy Buzek, Elisabetta Gardini, Françoise Grossetête, Cristina Gutiérrez-Cortines, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Seán Kelly, Zofija Mazej Kukovič, Vladko Todorov Panayotov, Lambert van Nistelrooij |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Sandrine Bélier, Jean Lambert |

22.1.2014

## OPINJONITAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013
(COM(2013)0480 – C7-0201/2013 – 2013/0224(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Brian Simpson

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Skont rapport tal-2009 ta' grupp ta' esperti tal-OMI, l-emissjonijiet mit-trasport marittimu internazzjonali żdiedu b'mod rapidu f'dawn l-aħħar snin, u fin-nuqqas ta' regolament huma previsti li jitilgħu għal 1,475 miljun tunnellata sal-2020, jiġifieri 6 % tat-total globali tal-emissjonijiet ta' $CO_2$. Fl-2007, it-trasport marittimu kien responsabbli għal 2,7 % tat-total globali tal-emissjonijiet ta' $CO_2$.

Fil-livell Ewropew, il-kontribuzzjoni tal-bastimenti li jaslu jew jitilqu mill-portijiet UE-27 tammonta għal 30 % tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ tat-trasport marittimu dinji[1]. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent indikat ukoll li t-trasport marittimu fl-ibħra Ewropej jikkontribwixxi għal frazzjoni kbira ta' $NO_x$ (10-20 %), $SO_2$ (10-25 %) u $PM_{2.5}$ globali (10-25 %), b'madwar 70 % tal-emissjonijiet globali fi ħdan 400 km ta' kosti. Studji epidemijoloġiċi wrew li l-emissjonijiet mit-trasport marittimu għandhom implikazzjonijiet fuq is-saħħa b'madwar 50,000 każ ta' mewt fis-sena purament kaġun tal-arja mniġġsa mit-trasport marittimu.[2]

L-introduzzjoni mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) fl-2011 ta' Indiċi tal-Effiċjenza tal-Enerġija (EEDI) mandatorju għal ċerti kategoriji ta' bastimenti ġodda u użu mandatorju tal-Pjan dwar il-Ġestjoni tal-Effiċjenza Enerġetika tal-Bastimenti (SEEMP) fost il-flotta eżistenti huwa l-ewwel pass lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ tat-trasport marittimu. Madankollu, kif rikonoxxut mal-Kummissjoni, dawn il-miżuri mhumiex se jkunu biżżejjed biex tonqos it-tendenza ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ dejjem jiżdiedu fis-settur tat-trasport marittimu u sabiex sal-2050 jintlaħqu l-miri tat-tnaqqis stabbiliti fil-White Paper tal-

[1] Rapport tekniku taż-ŻEE Nru 4/2013 – The impact of international shipping on European air quality and climate forcing
[2] Ara http://ec.europa.eu/transport/modes/maritime/events/doc/2011_06_01_stakeholder-event/item4.pdf

Kummissjoni tal-2011 "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport" ta' 40 % (50 % jekk possibbli) meta mqabbel mal-livelli fl-2005.

## EMENDI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Il-White Paper tal-Kummissjoni "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport" tal-2011 titlob li sal-2050, l-emissjonijiet mit-trasport marittimu jonqsu b'40 % (50 % jekk possibbli) meta mqabbel mal-livelli fl-2005 , speċifikament permezz tal-applikazzjoni tal-prinċipji "l-utent iħallas" u "min iniġġes iħallas".*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1b) Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament dwar "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti"(2011/2096(INI)) titlob "tnaqqis uniformi ta' 30 % f'emissjonijiet tas-$CO_2$ mal-Ewropa kollha u tal-pollutanti tat-trasport bil-merkanzija, fejn se tingħata kontribuzzjoni mill-ftehimiet tal-OMI dwar l-Indiċi ta' Effiċjenza*** |

***Enerġetika u l-Pjan ta' Ġestjoni tal-Effiċjenza Enerġetika, u jitlob biex l-għanijiet kollha msemmija f'dan il-paragrafu jiġu kkunsidrati bħala prijoritarji u għalhekk jiġu riveduti kull sena;"***

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Skont id-dejta pprovduta mill-OMI, il-konsum speċifiku ta' enerġija u l-emissjonijiet ta' $CO_2$ ta' bastimenti ***li*** jistgħu jitnaqqsu ***b'sa*** 75 % billi jiġu applikati miżuri operazzjonali u bl-implimentazzjoni ta' teknoloġiji eżistenti; parti sinifikanti minn dawn il-miżuri tista' titqies bħala kosteffiċjenti minħabba li l-ispejjeż mnaqqsa tal-fjuwil jiżguraw ħlas lura ta' kwalunkwe spiża operattiva jew tal-investiment. | (3) Skont id-dejta pprovduta mill-OMI, il-konsum speċifiku ta' enerġija u l-emissjonijiet ta' $CO_2$ ta' bastimenti jistgħu jitnaqqsu ***sa massimu ta'*** 75 % billi jiġu applikati miżuri operazzjonali u bl-implimentazzjoni ta' teknoloġiji eżistenti; parti sinifikanti minn dawn il-miżuri tista' titqies bħala kosteffikaċi ***– jew saħansitra toffri benefiċċji netti lis-settur –*** minħabba li l-ispejjeż mnaqqsa tal-fjuwil jiżguraw ħlas lura ta' kwalunkwe spiża operattiva jew tal-investiment. |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu fil-livell tal-Unjoni, l-aqwa alternattiva possibbli tibqa' t-twaqqif ta' sistema għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika (MRV) tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ ibbażati fuq il-konsum tal-fjuwil tal-bastimenti ***bħala*** l-ewwel pass ta' approċċ fi stadji għall-inklużjoni tal-emissjonijiet tat-trasport marittimu fl-impenn tal-Unjoni | (4) Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu fil-livell tal-Unjoni, l-aqwa alternattiva possibbli tibqa' ***l-implimentazzjoni ta' miżura bbażata fuq is-suq fejn*** it-twaqqif ta' sistema għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika (MRV) tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ ibbażati fuq il-konsum tal-fjuwil tal-bastimenti ***jkun*** l-ewwel pass ta' approċċ fi stadji għall-inklużjoni tal-emissjonijiet tat- |

| | |
|---|---|
| għat-tnaqqis tal-gassijiet serra. | trasport marittimu fl-impenn tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-gassijiet serra. |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Ir-riżultati tal-konsultazzjoni tal-partijiet interessati u tad-diskussjonijiet ma' sħab internazzjonali jindikaw li approċċ fi stadji għall-inklużjoni tal-emissjonijiet tat-trasport marittimu fl-impenn tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-gassijiet serra għandu jiġi applikat fl-implimentazzjoni ta' sistema MRV robusta għall-emissjonijiet ta' $CO_2$ mit-trasport marittimu bħala l-ewwel pass u l-ipprezzar ta' dawn l-emissjonijiet fi stadju aktar tard. Dan l-approċċ ***jiffaċilita li jsir*** progress sinifikanti fil-livell internazzjonali fir-rigward tal-ftehim dwar miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijietijiet serra u dwar miżuri oħrajn sabiex dan it-tnaqqis jinkiseb bi spejjeż minimi. | (6) Ir-riżultati tal-konsultazzjoni tal-partijiet interessati u tad-diskussjonijiet ma' sħab internazzjonali jindikaw li approċċ fi stadji għall-inklużjoni tal-emissjonijiet tat-trasport marittimu fl-impenn tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-gassijiet serra ***f'dan l-istadju*** għandu jiġi applikat fl-implimentazzjoni ta' sistema MRV robusta għall-emissjonijiet ta' $CO_2$ ***biss*** mit-trasport marittimu bħala l-ewwel pass u l-ipprezzar ta' dawn l-emissjonijiet fi stadju aktar tard. Dan l-approċċ ***jagħmilha faċli li jkun hemm*** progress sinifikanti fil-livell internazzjonali fir-rigward tal-ftehim dwar miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijietijiet serra u dwar miżuri oħrajn sabiex dan it-tnaqqis jinkiseb bi spejjeż minimi. |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) L-introduzzjoni ta' sistema MRV tal-Unjoni mistennija li twassal għal tnaqqis tal-emissjonijiet li jammontaw għal ***sa*** 2 % meta mqabbla ma' xenarju ta' żamma tal-istatus quo u tnaqqis fl-ispejjeż netti aggregati sa EUR 1,2 biljun sal-2030 billi tista' tikkontribwixxi għat-tneħħija ta' | (7) L-introduzzjoni ta' sistema MRV tal-Unjoni mistennija li twassal għal tnaqqis tal-emissjonijiet li jammontaw għal ***masimu ta'*** 2 % meta mqabbla ma' xenarju ta' żamma tal-istatus quo u tnaqqis fl-ispejjeż netti aggregati sa EUR 1,2 biljun sal-2030 billi tista' tikkontribwixxi għat- |

ostakli tas-suq, b'mod partikolari dawk relatati man-nuqqas ta' informazzjoni dwar l-effiċjenza tal-bastimenti. Dan it-tnaqqis ta' spejjeż tat-trasport għandu jiffaċilita l-kummerċ internazzjonali. Barra minn hekk, sistema MRV robusta hija prerekwiżit għal kwalunkwe kejl jew standard ta' effiċjenza bbażat fuq is-suq***, jekk tiġi applikata fil-livell tal-Unjoni jew globalment***. Hija tipprovdi wkoll dejta affidabbli biex jiġu stabbiliti miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet preċiżi u għall-evalwazzjoni tal-progress fil-kontribut tat-trasport marittimu lejn il-kisba ta' ekonomija b'livell baxx ta' karbonju.

tneħħija ta' ostakli tas-suq, b'mod partikolari dawk relatati man-nuqqas ta' informazzjoni dwar l-effiċjenza tal-bastimenti. Dan it-tnaqqis ta' spejjeż tat-trasport għandu jiffaċilita l-kummerċ internazzjonali. Barra minn hekk, sistema MRV robusta hija prerekwiżit għal kwalunkwe kejl jew standard ta' effiċjenza bbażat fuq is-suq. ***Minħabba n-natura internazzjonali tat-tbaħħir, approċċ globali koordinat huwa l-metodu preferut u l-aktar effettiv sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet fit-trasport marittimu internazzjonali***. Hija tipprovdi wkoll dejta affidabbli biex jiġu stabbiliti miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet preċiżi u għall-evalwazzjoni tal-progress fil-kontribut tat-trasport marittimu lejn il-kisba ta' ekonomija b'livell baxx ta' karbonju.

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Il-vjaġġi fi ħdan l-Unjoni kollha, il-vjaġġi kollha li jaslu mill-aħħar port mhux tal-Unjoni lejn l-ewwel port ta' waqfa tal-Unjoni u l-vjaġġi kollha ħerġin minn port tal-Unjoni lejn il-port ta' waqfa li jmiss mhux tal-Unjoni għandhom jiġu kkunsidrati rilevanti għal finijiet ta' monitoraġġ. L-emissjonijiet ***ta' $CO_2$*** fil-portijiet tal-Unjoni inkluż meta l-bastimenti jkunu fl-irmiġġ jew jiċċaqalqu ġewwa port, għandhom ikunu koperti wkoll, b'mod partikolari minħabba li miżuri speċifiċi għat-tnaqqis jew l-evitar ta' dawn ***jeżistu***. Dawn ir-regoli għandhom jiġu applikati b'mod mhux diskriminatorju għall-bastimenti kollha irrispettivament mill-bandiera li jtajru. | (8) Il-vjaġġi fi ħdan l-Unjoni kollha, il-vjaġġi kollha li jaslu mill-aħħar port mhux tal-Unjoni lejn l-ewwel port ta' waqfa tal-Unjoni u l-vjaġġi kollha ħerġin minn port tal-Unjoni lejn il-port ta' waqfa li jmiss mhux tal-Unjoni għandhom jiġu kkunsidrati rilevanti għal finijiet ta' monitoraġġ. L-emissjonijiet fil-portijiet tal-Unjoni inkluż meta l-bastimenti jkunu fl-irmiġġ jew jiċċaqalqu ġewwa port, għandhom ikunu koperti wkoll, b'mod partikolari minħabba li ***jeżistu*** miżuri speċifiċi għat-tnaqqis jew l-evitar ta' dawn. Dawn ir-regoli għandhom jiġu applikati b'mod mhux diskriminatorju għall-bastimenti kollha irrispettivament mill-bandiera li jtajru***, wara li l-Kummissjoni tkun stabbiliet li l-pajjiżi terzi ma*** |

*esprimew l-ebda riżerva*.

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) Minħabba l-ambitu ġeografiku u l-ħtieġa konkomitanti ta' monitoraġġ tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ lil hinn mit-territorju tal-Istati Membri, u minħabba l-inklużjoni ta' intrapriżi marittimi rreġistrati mad-dinja kollha, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-pajjiżi terzi fi stadju bikri u b'mod xieraq bil-ħsieb li tikseb l-akbar aċċettazzjoni internazzjonali possibbli.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Is-sistema MRV tal-Unjoni għandha ***tkopri wkoll informazzjoni oħra rilevanti għall-klima li*** tippermetti d-determinazzjoni tal-effiċjenza tal-bastimenti jew l-analiżi ulterjuri tal-kawżi tal-iżvilupp tal-emissjonijiet. Dan il-kamp ta' applikazzjoni jallinja wkoll is-sistema MRV tal-Unjoni mal-inizjattivi internazzjonali għall-introduzzjoni ta' sistema ta' standards ta' effiċjenza għal bastimenti eżistenti, li jkopru wkoll miżuri operazzjonali, u jikkontribwixxi għat-tneħħija tal-ostakli tas-suq relatati man-nuqqas ta' informazzjoni. | (11) Is-sistema MRV tal-Unjoni għandha tippermetti d-determinazzjoni tal-effiċjenza tal-bastimenti jew l-analiżi ulterjuri tal-kawżi tal-iżvilupp tal-emissjonijiet. Dan il-kamp ta' applikazzjoni jallinja wkoll is-sistema MRV tal-Unjoni mal-inizjattivi internazzjonali għall-introduzzjoni ta' sistema ta' standards ta' effiċjenza għal bastimenti eżistenti, li jkopru wkoll miżuri operazzjonali, u jikkontribwixxi għat-tneħħija tal-ostakli tas-suq relatati man-nuqqas ta' informazzjoni. |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Sabiex ***jitnaqqas il-piż amministrattiv għas-sidien tal-bastimenti u għall-operaturi,*** b'mod partikolari ***l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u biex isir l-aħjar użu mill-proporzjon kostijiet-benefiċċji tas-sistema*** MRV ***mingħajr ma jiġi mhedded l-għan li jkun kopert sehem predominanti ħafna tal-emissjonijiet tal-gassijietijiet serra mit-trasport marittimu, ir-regoli għall-MRV għandhom japplikaw biss għal produtturi kbar. Intagħżel limitu ta' 5000 tunnellaġġ gross (TG) wara analiżi dettaljata oġġettiva tal-qisien u l-emissjonijiet tal-bastimenti li jmorru lejn portijiet tal-Unjoni u dawk li jiġu minnhom. Il-bastimenti b'aktar minn 5000 TG jammontaw għal madwar 55 % tal-għadd tal-bastimenti li jidħlu f'portijiet tal-Unjoni u jirrappreżentaw madwar 90 % tal-emissjonijiet relatati. Dan il-limitu mhux diskriminatorju għandu jiżgura li l-biċċa l-kbira tal-emittenti rilevanti jiġu koperti. Limitu aktar baxx għandu jirriżulta f'iktar piż amministrattiv filwaqt li limitu ogħla jillimita l-kopertura tal-emissjonijiet u għalhekk l-effettività ambjentali tas-sistema.*** | (12) Sabiex ***tkun żgurata koerenza mad-Dritt internazzjonali eżistenti***, b'mod partikolari ***mal-MARPOL VI, is-sistema*** MRV ***għandha tapplika għal bastimenti ta' 400 TG u aktar***. |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Biex ikompli jitnaqqas il-piż amministrattiv għas-sidien tal-bastimenti u | (13) Biex ikompli jitnaqqas il-piż amministrattiv għas-sidien tal-bastimenti u |

| | |
|---|---|
| l-operaturi, ir-regoli tal-monitoraġġ għandhom jiffukaw fuq is-$CO_2$ ***bħala*** l-aktar gass serra rilevanti li joħroġ mit-trasport marittimu u li jikkontribwixxi sa 98 % tat-total tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta’ dan is-settur. | l-operaturi, ir-regoli tal-monitoraġġ għandhom jiffukaw ***biss*** fuq is-$CO_2$ ***f’dan l-istadju għaliex huwa*** l-aktar gass serra rilevanti li joħroġ mit-trasport marittimu u li jikkontribwixxi sa 98 % tat-total tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta’ dan is-settur. |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Ir-regoli għandhom iqisu r-rekwiżiti eżistenti u d-dejta diġà disponibbli abbord il-bastimenti; għalhekk, is-sidien tal-bastimenti għandhom jingħataw l-opportunità li jagħżlu wieħed minn dawn l-erba’ metodi ta’ monitoraġġ: l-użu tan-Noti ta' Kunsinna tal-Fjuwil tal-Banker, monitoraġġ tat-tank tal-fjuwil tal-Banker, miters tal-fluss għall-proċessi ta’ kombustjoni applikabbli jew għall-kejl dirett ta' emissjoni. Pjan ta’ monitoraġġ speċifiku tal-bastimenti għandu jiddokumenta l-għażla magħmula u għandu jipprovdi aktar dettalji dwar l-applikazzjoni tal-metodu magħżul. | (14) Ir-regoli għandhom iqisu r-rekwiżiti eżistenti u d-dejta diġà disponibbli abbord il-bastimenti; għalhekk, is-sidien tal-bastimenti għandhom jingħataw l-opportunità li jagħżlu wieħed minn dawn l-erba’ metodi ta’ monitoraġġ: l-użu tan-Noti ta' Kunsinna tal-Fjuwil tal-Banker, monitoraġġ tat-tank tal-fjuwil tal-Banker, miters tal-fluss għall-proċessi ta’ kombustjoni applikabbli jew għall-kejl dirett ta' emissjoni. Pjan ta’ monitoraġġ speċifiku tal-bastimenti għandu jiddokumenta l-għażla magħmula u għandu jipprovdi aktar dettalji dwar l-applikazzjoni tal-metodu magħżul. ***Il-Kummissjoni għandha, wara żewġ perjodi separati tar-rappurtar, toħroġ rakkomandazzjonijiet dwar il-metodi ta’ monitoraġġ fir-rigward tal-preċiżjoni, ir-rilevanza għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, l-aċċessibiltà finanzjarja u l-piż amministrattiv għall-ekwipaġġ.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Gassijiet serra oħra, aġenti b'impatti klimatiċi (climate forcers) jew sustanzi li jniġġsu l-arja ma għandhomx ikunu koperti mis-sistema MRV tal-Unjoni f’dan l-istadju sabiex jiġu evitati r-rekwiżiti għall-installazzjoni ta' tagħmir tal-kejl li mhuwiex affidabbli biżżejjed u kummerċjalment disponibbli, ħaġa li tista' xxekkel l-implimentazzjoni tas-sistema MRV tal-Unjoni. | (16) Gassijiet serra oħra, aġenti b'impatti klimatiċi (climate forcers) jew sustanzi li jniġġsu l-arja ma għandhomx ikunu koperti mis-sistema MRV tal-Unjoni f’dan l-istadju sabiex jiġu evitati r-rekwiżiti għall-installazzjoni ta' tagħmir tal-kejl li mhuwiex affidabbli biżżejjed u kummerċjalment disponibbli, ħaġa li tista' xxekkel l-implimentazzjoni tas-sistema MRV tal-Unjoni. ***F’każ illi l-progress tekniku fil-ġejjieni jippermetti kejl ta’ sustanzi oħra rilevanti għall-klima mingħajr ma joħloq piżijiet addizzjonali fuq is-sidien tal-vapuri, tali sustanzi għandhom jiġu inklużi fis-sistema MRV. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew bl-iżviluppi teknoloġiċi f'intervalli regolari ta’ sentejn.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż amministrattiv għas-sidien tal-bastimenti u l-operaturi, ir-rappurtar u l-pubblikazzjoni ta’ informazzjoni rappurtata għandhom jiġu organizzati kull sena. Bir-restrizzjoni fuq il-pubblikazzjoni tal-emissjonijiet, tal-konsum tal-fjuwil u tal-informazzjoni relatata mal-effiċjenza għal medji annwali u ċifri aggregati, il-kwistjonijiet tal-kunfidenzjalità għandhom ikunu ġew indirizzati. Id-dejta rrappurtata lill-Kummissjoni għandha tiġi integrata fl-istatistika sakemm din id-dejta tkun rilevanti għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika Ewropea skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/504/eu | (17) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż amministrattiv għas-sidien tal-bastimenti u l-operaturi, ir-rappurtar u l-pubblikazzjoni ta’ informazzjoni rappurtata għandhom jiġu organizzati kull sena. Bir-restrizzjoni fuq il-pubblikazzjoni tal-emissjonijiet, tal-konsum tal-fjuwil u tal-informazzjoni relatata mal-effiċjenza għal medji annwali u ċifri aggregati, il-kwistjonijiet tal-kunfidenzjalità għandhom ikunu ġew indirizzati. ***Min-naħa l-oħra huwa importanti li n-nolleġġaturi u l-partijiet interessati l-oħra fl-industrija jingħataw dejta speċifika dwar ir-rotta biex jiġi żgurat li jitneħħew l-ostakli tas-suq u jiġu ppremjati l-iżjed bastimenti effiċjenti.*** Id-dejta rrappurtata lill- |

| | |
|---|---|
| tas-17 ta' Settembru 2012 fuq l-Eurostat[18]. | Kummissjoni għandha tiġi integrata fl-istatistika sakemm din id-dejta tkun rilevanti għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika Ewropea skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/504/eu tas-17 ta' Settembru 2012 fuq l-Eurostat[18]. |
| [18] ĠU L 251, 18.9.2012, p. 49 | [18] ĠU L 251, 18.9.2012, p. 49 |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rappurtar ta' emissjonijiet tal-gassijietijiet serra u għar-rappurtar ta' informazzjoni oħra rilevanti għat-tibdil fil-klima[22] fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni għandu jiġi emendat biex jiġu stabbiliti rekwiżiti għall-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ mit-trasport marittimu mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament. | (23) Ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rappurtar ta' emissjonijiet tal-gassijietijiet serra u għar-rappurtar ta' informazzjoni oħra rilevanti għat-tibdil fil-klima[22] fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni għandu jiġi emendat biex jiġu stabbiliti rekwiżiti għall-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ ***biss*** mit-trasport marittimu mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament. |
| [22] ĠU L 165,18.06.2013, p. 13-40. | [22] ĠU L 165,18.06.2013, p. 13-40. |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Is-sistema MRV tal-Unjoni għandha sservi bħala mudell għall-implimentazzjoni ta' sistema MRV globali. Sistema MRV | (24) Is-sistema MRV tal-Unjoni għandha sservi bħala mudell għall-implimentazzjoni ta' sistema MRV globali. Sistema MRV |

| | |
|---|---|
| globali hija aħjar peress li tista' titqies bħala iżjed effikaċi minħabba l-kamp ta' applikazzjoni usa'. ***F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha fuq bażi regolari taqsam l-informazzjoni rilevanti dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament flimkien mal-OMI u ma' korpi internazzjonali rilevanti oħra u għandhom isiru sottomissjonijiet rilevanti lill-OMI.*** Fejn jintlaħaq ftehim dwar sistema MRV globali, il-Kummissjoni għandha tirrevedi s-sistema MRV tal-Unjoni bil-għan tallinjaha mas-sistema globali. | globali hija aħjar peress li tista' titqies bħala iżjed effikaċi minħabba l-kamp ta' applikazzjoni usa'. Fejn jintlaħaq ftehim dwar sistema MRV globali, il-Kummissjoni għandha tirrevedi s-sistema MRV tal-Unjoni bil-għan ***li*** tallinjaha mas-sistema globali. |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) Sabiex isir użu tal-aħjar prattiki disponibbli u tal-evidenza xjentifika, għandha tiġi iddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat fir-rigward tal-eżami ta' ċerti aspetti tekniċi tal-monitoraġġ u tar-rapportar tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ minn bastimenti u li jiġu speċifikati aktar ir-regoli għall-verifika tar-rapporti tal-emissjonijiet u l-akkreditazzjoni ta' verifikaturi. Huwa ferm importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adegwati waqt il-ħidma preparatorja, inkluż fil-livell tal-esperti. Meta tħejji u tfassal atti ta' delega, il-Kummissjoni għandha tara li ssir trażmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill. | (25) Sabiex isir użu tal-aħjar prattiki disponibbli u tal-evidenza xjentifika, għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat fir-rigward tal-eżami ta' ċerti aspetti tekniċi tal-monitoraġġ u tar-rapportar tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ ***biss*** minn bastimenti ***f'dan l-istadju*** u li jiġu speċifikati aktar ir-regoli għall-verifika tar-rapporti tal-emissjonijiet u l-akkreditazzjoni ta' verifikaturi. Huwa ferm importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adegwati waqt il-ħidma preparatorja, inkluż fil-livell tal-esperti. Meta tħejji u tfassal atti ta' delega, il-Kummissjoni għandha tara li ssir trażmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill. |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) L-għan tal-azzjoni proposta, jiġifieri l-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ mill-bastimenti bħala l-ewwel pass ta' approċċ fi stadji sabiex jitnaqqsu dawn l-emissjonijiet ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri li jaġixxu individwalment, minħabba n-natura internazzjonali tat-trasport marittimu u għalhekk jista', minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni. L-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet. | (27) L-għan tal-azzjoni proposta, jiġifieri l-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ ***biss*** mill-bastimenti bħala l-ewwel pass ta' approċċ fi stadji sabiex jitnaqqsu dawn l-emissjonijiet ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri li jaġixxu individwalment, minħabba n-natura internazzjonali tat-trasport marittimu u għalhekk jista', minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni. L-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet. |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (29) Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju ***2015*** biex jiġi żgurat li l-Istati Membri u l-partijiet interessati jkollhom żmien biżżejjed biex jieħdu l-miżuri meħtieġa għall-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament qabel ma jibda l-ewwel perjodu ta' rappurtar fl-1 ta' Jannar ***2018***. | (29) Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju ***2017*** biex jiġi żgurat li l-Istati Membri u l-partijiet interessati jkollhom żmien biżżejjed biex jieħdu l-miżuri meħtieġa għall-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament qabel ma jibda l-ewwel perjodu ta' rappurtar fl-1 ta' Jannar ***2022***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jitħalla żmien biżżejjed għar-riżoluzzjoni tal-kriżi ekonomika attwali qabel ma tiġi imposta burokrazija eċċessiva. Għandu jitħalla wkoll żmien għall-Parlament Ewropew li*

*jmiss u għall-Kummissjoni li jmiss biex janalizzaw dawn it-testi u, jekk meħtieġ jemendawhom qabel l-applikazzjoni tagħhom.*

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika preċiżi tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju ($CO_2$) ***u ta' informazzjoni oħra rilevanti għall-klima*** minn bastimenti li jaslu, jidħu jew joħorġu mill-portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru sabiex jippromwovi t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ mit-trasport marittimu b'mod kosteffiċjenti. | Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika preċiżi tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju ($CO_2$) ***biss f'dan l-istadju għaliex huwa l-aktar gass serra rilevanti li joħroġ mit-trasport marittimu*** -minn bastimenti li jaslu, jidħlu jew joħorġu mill-portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru sabiex jippromwovi t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ mit-trasport marittimu b'mod kosteffiċjenti. |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Dan ir-Regolament japplika għall-bastimenti b'aktar minn ***5000*** tunnellata gross f'dak li għandu x'jaqsam ma' emissjonijiet rilaxxati matul il-vjaġġi tagħhom minn l-aħħar port ta' waqfa lejn port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u minn port li jkun taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru għal port ta' waqfa li jmiss tagħhom, kif ukoll fi ħdan il-portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru. | 1. Dan ir-Regolament japplika għall-bastimenti b'aktar minn ***400*** tunnellata gross f'dak li għandu x'jaqsam ma' emissjonijiet rilaxxati matul il-vjaġġi tagħhom minn l-aħħar port ta' waqfa lejn port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u minn port li jkun taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru għal port ta' waqfa li jmiss tagħhom, kif ukoll fi ħdan il-portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru. |

*Ġustifikazzjoni*

*Id-Dritt Internazzjonali, b'mod partikolari MARPOL VI, japplika għal bastimenti ta' 400 TG jew aktar. Barra minn dan, bastimenti ta' 500 tunnellata gross huma bosta drabi vapuri tal-passiġġieri li pereżempju joperaw mal-linji tal-kosta u bejn il-gżejjer. Għalhekk għandhom*

*ikunu koperti wkoll.*

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) "emissjonijiet" tfisser ir-rilaxx tas-$CO_2$ fl-atmosfera minn bastimenti kif previst fl-Artikolu 2; | (a) "emissjonijiet" tfisser ***biss*** ir-rilaxx tas-$CO_2$ fl-atmosfera minn bastimenti kif previst fl-Artikolu 2; |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – punt la (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(la) "il-klassi tas-silġ" tfisser in-notazzjoni assenjata lill-bastiment mill-Amministrazzjoni jew minn organizzazzjoni rikonoxxuta mill-Amministrazzjoni li turi li l-bastiment ġie ddisinjat għan-navigazzjoni f'kundizzjonijiet ta' silġ fuq il-baħar.*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-monitoraġġ u r-rapportar għandhom ikunu kompluti u għandhom ikopru l-emissjonijiet ***kollha*** mill-kombustjoni tal-fjuwils. Il-kumpaniji għandhom japplikaw miżuri xierqa sabiex jevitaw kwalunkwe nuqqas fid-dejta fil-perjodu ta' rappurtar. | 2. Il-monitoraġġ u r-rapportar għandhom ikunu kompluti u għandhom ikopru l-emissjonijiet ***tad-diossidu tal-karbonju ($CO_2$)*** mill-kombustjoni tal-fjuwils. Il-kumpaniji għandhom japplikaw miżuri xierqa sabiex jevitaw kwalunkwe nuqqas fid-dejta fil-perjodu ta' rappurtar. |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sal-31 ta’ Awwissu ***2017***, il-kumpaniji għandhom jissottomettu lill-verifikaturi pjan ta’ monitoraġġ li jindika l-metodu magħżul sabiex jimmontorjaw u jirrappurtaw l-emissjonijiet u informazzjoni oħra relevanti għall-klima ta’ għal kull wieħed mill-bastimenti tagħhom b’aktar minn ***5000*** TG. | 1. Sal-31 ta’ Awwissu ***2015***, il-kumpaniji għandhom jissottomettu lill-verifikaturi pjan ta’ monitoraġġ li jindika l-metodu magħżul sabiex jimmontorjaw u jirrappurtaw l-emissjonijiet u informazzjoni oħra relevanti għall-klima ta’ għal kull wieħed mill-bastimenti tagħhom b’aktar minn ***400*** TG. |

*Ġustifikazzjoni*

*Minħabba l-impenn qawwi mill-istituzzjonijiet tal-UE biex jestendu sal-2013 l-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet tal-gassijietijiet serra tal-Komunità għall-industrija tat-trasport marittimu, mhuwiex aċċettabbli li tiġi stabbilita skeda taż-żmien li ma tippermettix li jittieħdu miżuri konkreti fuq perjodu ta' żmien qasir.*

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. B’deroga mill-paragrafu 1, għal bastimenti li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament għall-ewwel darba wara l-1 ta’ Jannar ***2018***, il-kumpanija għandha tissottometti pjan ta’ monitoraġġ lill-verifikatur mingħajr dewmien mhux dovut u mhux aktar tard minn xahrejn wara l-ewwel waqfa tagħhom f'port li jkun taħt il-ġuriżdizzjoni ta’ Stat Membru. | 2. B’deroga mill-paragrafu 1, għal bastimenti li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament għall-ewwel darba wara l-1 ta’ Jannar ***2016***, il-kumpanija għandha tissottometti pjan ta’ monitoraġġ lill-verifikatur mingħajr dewmien mhux dovut u mhux aktar tard minn xahrejn wara l-ewwel waqfa tagħhom f'port li jkun taħt il-ġuriżdizzjoni ta’ Stat Membru. |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-identifikazzjoni u t-tip tal-bastiment inkluż l-isem tal-bastiment, in-numru tiegħu tar-reġistrazzjoni tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) , il-port tiegħu ta' reġistrazzjoni jew port ***domiċili*** u l-isem ta' sid il-bastiment; | (a) l-identifikazzjoni u t-tip tal-bastiment inkluż l-isem tal-bastiment, in-numru tiegħu tar-reġistrazzjoni tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI), il-port tiegħu ta' reġistrazzjoni jew port ***ta' domiċilju***, ***il-klassi tas-silġ tal-bastiment,*** u l-isem ta' sid il-bastiment; |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt h – sottopunt iiia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***iiia) il-proċeduri, ir-responsabbiltajiet, il-formuli u s-sorsi tad-dejta biex tiġi ddeterminata u rreġistrata d-distanza vjaġġata u t-tul ta'ħin li jittieħed biex ibaħħru fuq is-silġ;*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-kumpaniji għandhom jużaw ***pjanijiet ta' monitoraġġ standardizzati bbażati fuq mudelli stabbiliti***. ***Regoli tekniċi li jistabbilixxu mudelli għall-pjani*** ta' monitoraġġ ***imsemmi*** fil-paragrafu 1 għandhom jiġu ddeterminati permezz ta' atti ***ta' implimentazzjoni***. Dawk l-atti ***ta' implimentazzjoni*** għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skont il-proċedura | 4. Il-kumpaniji għandhom jużaw ***mudelli standardizzati biex iressqu l-pjanijiet ta' monitoraġġ tagħhom***. ***Il-preżentazzjoni u l-kontenut tal-mudelli għall-pjanijiet*** ta' monitoraġġ imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu ddeterminati permezz ta' atti ***ddelegati***. ***Il-mudelli għandhom ikunu sempliċi kemm jista' jkun u ma joħolqu l-ebda burokrazija żejda.*** Dawk l-atti |

msemmija fl-Artikolu ***25(2)*** ta' dan ir-Regolament.

***ddelegati*** għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu ***24*** ta' dan ir-Regolament.

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mill-1 ta’ Jannar ***2018***, fuq il-bażi tal-pjan ta’ monitoraġġ approvat skont l-Artikolu 13(1), il-kumpaniji għandhom jimmonitorjaw annwalment l-emissjonijiet għal kull bastiment, u għal kull vjaġġ billi japplikaw il-metodu xieraq fost dawk stabbiliti fil-Parti B tal-Anness I u billi jikkalkulaw l-emissjonijiet skont il-Parti A tal-Anness I | Mill-1 ta’ Jannar ***2016***, fuq il-bażi tal-pjan ta’ monitoraġġ approvat skont l-Artikolu 13(1), il-kumpaniji għandhom jimmonitorjaw annwalment l-emissjonijiet għal kull bastiment u għal kull vjaġġ***, jew kull xahar fil-każ ta' vjaġġi regolari fuq distanza qasira,*** billi japplikaw il-metodu xieraq fost dawk stabbiliti fil-Parti B tal-Anness I u billi jikkalkulaw l-emissjonijiet skont il-Parti A tal-Anness I. |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fuq il-bażi tal-pjan ta’ monitoraġġ approvat skont l-Artikolu 13(1), għal kull bastiment u għal kull vjaġġ li jasal u li jitlaq minn port li jkun taħt il-ġuriżdizzjoni ta’ Stat Membru, il-kumpaniji għandhom jimmonitorjaw l-informazzjoni li ġejja, skont il-Parti A tal-Anness I u l-Anness II: | Fuq il-bażi tal-pjan ta’ monitoraġġ approvat skont l-Artikolu 13(1), għal kull bastiment u għal kull vjaġġ li jasal u li jitlaq minn port li jkun taħt il-ġuriżdizzjoni ta’ Stat Membru, ***jew kull xahar fil-każ ta' vjaġġi regolari fuq distanza qasira,*** il-kumpaniji għandhom jimmonitorjaw l-informazzjoni li ġejja, skont il-Parti A tal-Anness I u l-Anness II: |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) is-$CO_2$ ***rilaxxatt***; | (c) is-$CO_2$ ***rilaxxat biss***; |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) ***il-ħin iddedikat fuq il-baħar***; | (e) ***id-data u l-ħin tal-bidu u tat-tmiem tal-perjodi li fihom il-monitoraġġ ikun ġie sospiż minħabba sitwazzjonijiet ta' emerġenza bħal attivitajiet ta' salvataġġ tal-ħajja***; |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(f) il-merkanzija li nġarret;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – punt ga (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ga) id-data u l-ħin tal-bidu u tat-tmiem tal-perjodi li matulhom ma sarx monitoraġġ minħabba sitwazzjonijiet ta' urġenza u periklu, bħal pereżempju f'operazzjonijiet ta' salvataġġ.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Is-sitwazzjonijiet ta' urġenza u periklu ma għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni.*

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. B'deroga mill-ewwel paragrafu, il-bastimenti li joperaw esklussivament fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u li jwettqu diversi vjaġġi matul il-ġurnata huma eżentati mill-monitoraġġ ta' emissjonijiet abbażi ta' kull vjaġġ.*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) total ta' $CO_2$ rilaxxat; | (b) total ta' $CO_2$ rilaxxat ***biss***; |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-emissjonijiet ta' $CO_2$ aggregati mill-vjaġġi kollha bejn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru | (c) l-emissjonijiet ta' $CO_2$ aggregati ***biss*** mill-vjaġġi kollha bejn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) l-emissjonijiet ta' $CO_2$ aggregati mill-vjaġġi kollha li telqu minn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru; | (d) l-emissjonijiet ta' $CO_2$ aggregati ***biss*** mill-vjaġġi kollha li telqu minn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru; |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) aggregat tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ mill-vjaġġi kollha lejn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru; | (e) aggregat tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ ***biss*** mill-vjaġġi kollha lejn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru; |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) emissjonijiet ta' $CO_2$ li seħħew fl-irmiġġ fi ħdan il-portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru; | (f) emissjonijiet ta' $CO_2$ ***biss*** li seħħew fl-irmiġġ fi ħdan il-portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru; |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Mill-***2019***, sat-30 ta’ April ta’ kull sena, il-kumpaniji għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-Istati | 1. Mill-***2017***, sat-30 ta’ April ta’ kull sena, il-kumpaniji għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-Istati |

| | |
|---|---|
| tal-bandiera konċernati, rapport dwar l-emissjonijiet li jikkonċerna l-emissjonijiet u informazzjoni oħra rilevanti għall-klima matul ***il-perijodu*** kollu ta' rappurtar għal kull bastiment taħt ir-responsabbiltà tagħhom, li jkun ġie vverifikat bħala sodisfaċenti minn verifikatur, skont ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 14. | tal-bandiera konċernati, rapport dwar l-emissjonijiet li jikkonċerna l-emissjonijiet u informazzjoni oħra rilevanti għall-klima matul ***il-perjodu*** kollu ta' rappurtar għal kull bastiment taħt ir-responsabbiltà tagħhom, li jkun ġie vverifikat bħala sodisfaċenti minn verifikatur, skont ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 14. |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 - paragrafu 3 – punt a – sottopunt iiia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(iii a) il-klassi tas-silġ tal-bastiment,*** |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Ir-rapport*** dwar l-emissjonijiet imsemmi fl-Artikolu 11 ***għandhom*** jiġi sottomess bl-użu ta' sistemi awtomatizzati ***u ta' formats tal-iskambju*** tad-dejta ***kompleti, inklużi*** mudelli elettroniċi. | 1. ***Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-kumpaniji r-rapport*** dwar l-emissjonijiet imsemmi fl-Artikolu 11 ***għandu*** jiġi sottomess bl-użu ta' sistemi awtomatizzati***, standards għall-iskambju*** tad-dejta ***u*** mudelli elettroniċi. |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Regoli tekniċi li jistabbilixxu mudelli għall-formats tal-iskambju*** tad-dejta ***imsemmija*** fil-paragrafu 1 għandhom jiġu ddeterminati permezz ta' atti ***ta'*** | 2. ***Arranġamenti biex titressaq id-dejta lill-Kummissjoni, inklużi standards għall-iskambju*** tad-dejta ***u formats ta' mudelli elettroniċi msemmija*** fil-paragrafu 1 |

| | |
|---|---|
| ***implimentazzjoni***. Dawk l-atti ***ta' implimentazzjoni*** għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu ***25(2)*** ta' dan ir-Regolament. | għandhom jiġu ddeterminati permezz ta' atti ***ddelegati***. Dawk l-atti ***ddelegati*** għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu ***24*** ta' dan ir-Regolament. |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Mingħajr dewmien, il-verifikatur għandu jgħarraf lill-Kummissjoni u lill-awtorità tal-Istat tal-bandiera dwar il-ħruġ ta' kwalunkwe dokument ta' konformità u għandu jittrażmetti l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 billi juża sistemi awtomatizzati ***u formats tal-iskambju*** tad-dejta ***kompleti, inklużi*** mudelli elettroniċi, stabbiliti mill-Kummissjoni skont il-proċedura stabbilita f'dan ir-Regolament. | 4. Mingħajr dewmien, il-verifikatur għandu jgħarraf lill-Kummissjoni u lill-awtorità tal-Istat tal-bandiera dwar il-ħruġ ta' kwalunkwe dokument ta' konformità u għandu jittrażmetti l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 billi juża sistemi awtomatizzati***, standards għall-iskambju*** tad-dejta ***u*** mudelli elettroniċi, stabbiliti mill-Kummissjoni skont il-proċedura stabbilita f'dan ir-Regolament. |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***Regoli tekniċi li jistabbilixxu mudelli għall-formats tal-iskambju*** tad-dejta ***imsemmija*** fil-paragrafu 4 għandhom jiġu ddeterminati permezz ta' atti ***ta' implimentazzjoni***. Dawk l-atti ***ta' implimentazzjoni*** għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu ***25(2)*** ta' dan ir-Regolament. | 5. ***Arranġamenti biex tittressaq id-dejta lill-Kummissjoni, inklużi standards għall-iskambju*** tad-dejta ***u formats tal-mudelli elettroniċi msemmija*** fil-paragrafu 4 għandhom jiġu ddeterminati permezz ta' atti ***ddelegati***. Dawk l-atti ***ddelegati*** għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu ***24*** ta' dan ir-Regolament. |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mit-30 ta' Ġunju ***2019*** il-bastimenti li jaslu ***fi, fi*** jew jitilqu minn port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru għandhom iġorru abbord dokument validu li jiċċertifika l-konformità tal-bastiment mal-obbligi tar-rappurtar u tal-monitoraġġ għal perjodu ta' rappurtar ikkonċernat, maħruġ skont l-Artikolu 17. | Mit-30 ta' Ġunju ***2017*** il-bastimenti li jaslu ***f'port***, ***ikunu ġewwa port*** jew jitilqu minn port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru għandhom iġorru abbord dokument validu li jiċċertifika l-konformità tal-bastiment mal-obbligi tar-rappurtar u tal-monitoraġġ għal perjodu ta' rappurtar ikkonċernat, maħruġ skont l-Artikolu 17. |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu penali għan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' monitoraġġ u ta' rappurtar stabbiliti fl-Artikoli 8 ***u*** 12 u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawk il-penali jiġu applikati. Il-penali previsti għandhom ikunu mhux inqas stretti minn dawk previsti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi ta' rappurtar minn operaturi u għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju ***2017***, u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien b'kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwa dawn id-dispożizzjonijiet. | 1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu penali għan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' monitoraġġ u ta' rappurtar stabbiliti fl-Artikoli 8 ***sa*** 12 u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawk il-penali jiġu applikati. Il-penali previsti għandhom ikunu mhux inqas stretti minn dawk previsti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi ta' rappurtar minn operaturi u għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju ***2015***, u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien b'kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwa dawn id-dispożizzjonijiet. |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sat-30 ta’ Ġunju ta’ kull sena, il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-emissjonijiet irrappurtati skont l-Artikolu 11 u l-informazzjoni dwar il-konformità tal-kumpanija mar-rekwiżiti ta’ monitoraġġ u ta’ rappurtar stabbiliti fl-Artikoli 11 u 17. | 1. Sat-30 ta’ Ġunju ta’ kull sena, il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ***dejta aggregata dwar*** l-emissjonijiet irrappurtati skont l-Artikolu 11 u l-informazzjoni dwar il-konformità tal-kumpanija mar-rekwiżiti ta’ monitoraġġ u ta’ rappurtar stabbiliti fl-Artikoli 11 u 17. |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-identità tal-bastiment (l-isem, in-numru tar-reġistrazzjoni tal-OMI ***u*** l-port fejn hu rreġistrat jew il-port ta’ domiċilju); | (a) l-identità tal-bastiment (l-isem, in-numru tar-reġistrazzjoni tal-OMI**,** il-port fejn hu rreġistrat jew il-port ta’ domiċilju ***u l-klassi tas-silġ tal-bastiment***); |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) l-emissjonijiet annwali ta' $CO_2$; | (d) l-emissjonijiet annwali ta' $CO_2$ ***biss***; |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf ***lill-OMi*** u lill-korpi internazzjonali rilevanti | 1. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf ***lill-OMI*** u lill-korpi internazzjonali rilevanti |

| | |
|---|---|
| oħra fuq bażi regolari dwar l-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament ***bil-għan li jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' regoli internazzjonali fi ħdan l-OMI*** għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta’ emissjonijiet tal-gassijietijiet serra mit-trasport marittimu. | oħra fuq bażi regolari dwar l-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament ***bil-ħsieb li tallinja r-Regolament mal-progress fl-OMI*** għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta’ emissjonijiet tal-gassijietijiet serra mit-trasport marittimu. |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Fejn jintlaħaq ftehim internazzjonali dwar miżuri globali sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport marittimu, il-Kummissjoni għandha tirrevedi dan ir-Regolament u ***tista’, jekk ikun xieraq, tipproponi emendi għal dan ir-Regolament***. | 3. Fejn jintlaħaq ftehim internazzjonali dwar miżuri globali sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport marittimu, il-Kummissjoni għandha tirrevedi dan ir-Regolament u ***tiżgura l-allinjament mar-regolamenti internazzjonali rilevanti stabbiliti mill-OMI***. |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Is-setgħa tal-adozzjoni ta'*** atti ***ta' delega sabiex id-dispożizzjonijiet tal-Annessi I u II jiġu ssupplimentati u emendati bil-għan li titqies l-evidenza xjentifika aġġornata disponibbli, flimikien mal-informazzjoni rilevanti li tkun disponibbli abbord il-bastimenti u r-regoli internazzjonali rilevanti u l-istandards aċċettati internazzjonalment, għall-identifikzzjoni tal-aktar metodi preċiżi u effiċjenti għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet, u biex tittejjeb l-eżattezza tal-informazzjoni mitluba relatati mal-monitoraġġ u r-rappurtar ta’ emissjonijiet, hija kkonferita*** | ***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta*** atti ***ddelegati skont l-Artikolu 24 li jemenda l-Anness I biex tadatta l-metodi ta' monitoraġġ għall-progress xjentifiku u teknoloġiku u l-istandards aċċettati internazzjonalment sabiex ittejjeb l-affidabbiltà, il-validità u l-preċiżjoni tad-dejta dwar l-emissjonijiet***. |

| | |
|---|---|
| ***lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 24 safejn dan jikkonċerna elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament*.** | |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 24 li jemenda l-Anness II biex tispeċifika aktar u tadatta l-metodi ta' monitoraġġ ta' informazzjoni relevanti għall-klima għall-progress xjentifiku u teknoloġiku u l-istandards aċċettati internazzjonalment sabiex ittejjeb l-affidabbiltà, il-validità u l-preċiżjoni tad-data dwar l-emissjonijiet.*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti ta' delega msemmija fl-Artikoli 15, 16 u 23 għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin ***mill-1 ta' Lulju 2015***. | 1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti ddelegati msemmija fl-Artikoli ***12a,*** 15, 16 u 23 għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin ***minn [...][id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' 5 snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.*** |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Id-delega tas-setgħa msemmija ***fl-Artikolu*** 23 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta’ revoka ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f’dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta’ kwalunkwe att ta' delega li jkun diġà fis-seħħ. | 2. Id-delega tas-setgħa msemmija ***fl-Artikoli 12a, 15, 16 u*** 23 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta’ revoka għandha ttemm id-delega ta’ setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta’ kwalunkwe att ta' delega li jkun diġà fis-seħħ. |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Att ta' delega adottat skont ***l-Artikolu*** 23 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn wara n-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew jew lill-Kunsill jew jekk, qabel id-data ta' skadenza ta' dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ***kienu*** għarrfu lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż b’xahrejn wara l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. | 4. Att ta' delega adottat skont ***l-Artikoli 12a, 15, 16 u*** 23 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn wara n-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew jew lill-Kunsill jew jekk, qabel id-data ta' skadenza ta' dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ***ikunu*** għarrfu lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż b’xahrejn wara l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ | Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ |

| | |
|---|---|
| fit-1 ta' Lulju ***2015***. | fit-1 ta' Lulju ***2014***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Għall-preparazzjoni tal-implimentazzjoni tar-Regolament fl-2015, hemm bżonn ta' biżżejjed żmien biex jiġu ppreparati d-dispożizzjonijiet rilevanti.*

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – parti B – punt 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan il-metodu huwa bbażat fuq il-kwantità u t-tip ta' fjuwil kif definit fil-BDN flimkien mal-inventarji perjodiċi tat-tankijiet tal-fjuwil ibbażati fuq il-qari tat-tankijiet. Il-fjuwil fil-bidu tal-perjodu, biż-żieda tal-kunsinni, nieqes il-fjuwil disponibbli fit-tmiem ***tal-perijodu*** u l-fjuwil żvojtat bejn il-bidu tal-perjodu u t-tmiem tal-perjodu flimkien jikkostitwixxu l-fjwuil ikkunsmat matul il-perjodu. | Dan il-metodu huwa bbażat fuq il-kwantità u t-tip ta' fjuwil kif definit fil-BDN ***(fejn disponibbli),*** flimkien mal-inventarji perjodiċi tat-tankijiet tal-fjuwil ibbażati fuq il-qari tat-tankijiet. Il-fjuwil fil-bidu tal-perjodu, biż-żieda tal-kunsinni, nieqes il-fjuwil disponibbli fit-tmiem ***tal-perjodu*** u l-fjuwil żvojtat bejn il-bidu tal-perjodu u t-tmiem tal-perjodu flimkien jikkostitwixxu l-fjwuil ikkunsmat matul il-perjodu. |

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu u emenda tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 |
| **Referenzi** | COM(2013)0480 – C7-0201/2013 – 2013/0224(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>4.7.2013 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | TRAN<br>4.7.2013 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Brian Simpson<br>11.9.2013 |
| **Eżami fil-kumitat** | 14.11.2013 20.1.2014 |
| **Data tal-adozzjoni** | 21.1.2014 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 28<br>–: 11<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Magdi Cristiano Allam, Inés Ayala Sender, Georges Bach, Izaskun Bilbao Barandica, Philip Bradbourn, Antonio Cancian, Michael Cramer, Luis de Grandes Pascual, Christine De Veyrac, Saïd El Khadraoui, Ismail Ertug, Carlo Fidanza, Knut Fleckenstein, Jacqueline Foster, Franco Frigo, Mathieu Grosch, Juozas Imbrasas, Dieter-Lebrecht Koch, Georgios Koumoutsakos, Bogusław Liberadzki, Eva Lichtenberger, Marian-Jean Marinescu, Gesine Meissner, Mike Nattrass, Hubert Pirker, Dominique Riquet, Petri Sarvamaa, Vilja Savisaar-Toomast, Olga Sehnalová, Brian Simpson, Keith Taylor, Silvia-Adriana Ţicău, Giommaria Uggias, Peter van Dalen, Roberts Zīle |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Phil Bennion, Spyros Danellis, Zita Gurmai, Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz, Sabine Wils, Corien Wortmann-Kool |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Vittorio Prodi |

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu u emenda tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 |
| **Referenzi** | COM(2013)0480 – C7-0201/2013 – 2013/0224(COD) |
| **Data meta ġiet ippreżentata lill-PE** | 28.6.2013 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>4.7.2013 |
| **Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ITRE 4.7.2013<br>TRAN 4.7.2013 |
| **Rapporteur(s)**<br>Data tal-ħatra | Theodoros Skylakakis<br>5.9.2013 |
| **Eżami fil-kumitat** | 28.11.2013 22.1.2014 |
| **Data tal-adozzjoni** | 30.1.2014 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 44<br>–: 6<br>0: 5 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Sophie Auconie, Pilar Ayuso, Sandrine Bélier, Biljana Borzan, Martin Callanan, Tadeusz Cymański, Chris Davies, Esther de Lange, Bas Eickhout, Edite Estrela, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Matthias Groote, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Karin Kadenbach, Christa Klaß, Claus Larsen-Jensen, Jo Leinen, Corinne Lepage, Peter Liese, Zofija Mazej Kukovič, Linda McAvan, Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė, Mario Pirillo, Pavel Poc, Anna Rosbach, Oreste Rossi, Dagmar Roth-Behrendt, Richard Seeber, Theodoros Skylakakis, Bogusław Sonik, Dubravka Šuica, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Glenis Willmott, Sabine Wils, Marina Yannakoudakis |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Kriton Arsenis, Erik Bánki, Julie Girling, Jutta Haug, Filip Kaczmarek, James Nicholson, Vittorio Prodi, Christel Schaldemose, Birgit Schnieber-Jastram, Renate Sommer, Bart Staes, Rebecca Taylor, Vladimir Urutchev, Andrea Zanoni |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Fabrizio Bertot, Hiltrud Breyer, Vojtěch Mynář, Bill Newton Dunn |
| **Data tat-tressiq** | 31.1.2014 |